# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 25 ta' Novembru 2016**

**Numru 21**

**Rikors numru 756/2006/1 JRM**

**Silvana Sammut f'isimha proprju u in rappreżentanza ta' bintha minuri Raisa Sammut, u Tiziana Sammut u b'digriet tal-21 ta' Mejju 2013 Raisa Sammut assumiet l-atti f'isimha *stante* li saret maġġorenni u b'digriet tas-27 ta' Ġunju 2016 kunjom Tiziana nbidel minn Sammut għal Cutajar**

***v.***

***Clamus Holdings Limited* (C – 10745) u Claudio Muscat bħala direttur ta' l-istess *Clamus Holdings Limited* u kif ukoll personalment**

1. Dan huwa appell tal-konvenuti minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Settembru 2012 dwar inċident fuq il-post tax-xogħol li fih tilef ħajtu l-awtur tal-atturi. L-atturi kienu talbu illi l-qorti (i) tgħid illi l-konvenuti jaħtu għall-inċident, (ii) tillikwida d-danni li ġarrbu l-atturi, u (iii) tikkundanna lill-konvenuti jħallsu d-danni hekk likwidati.

2. Il-konvenuti ressqu l-eċċezzjoni illi l-konvenut Claudio Muscat *proprio* u bħala direttur tas-soċjetà konvenuta għandu jinħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju għax il-vittma kien impjegat mas-soċjetà konvenuta *Clamus Holdings Limited* ["*Clamus*"], mhux ma' Claudio Muscat, u illi f'kull każ ħadd mill-konvenuti ma' jaħti għall-inċident.

3. Bis-sentenza li minnha sar dan l-appell l-ewwel qorti iddeċidiet hekk:

> »tiċħad l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-imħarrek Claudio Muscat [li għandu jinħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju] u ssib li huwa għandu jwieġeb għat-talbiet tal-atturi u jibqa' fil-kawża;
>
> »tilqa' l-ewwel talba attriċi billi ssib lill-imħarrkin Muscat u *Clamus Holdings Limited* solidalment responsabbli għall-inċident li seħħ fl-1 ta' April 2005, li ġab il-mewt ta' Charles Sammut waqt li dan kien qiegħed jaħdem u għal liema inċident l-istess Sammut ma kien jaħti bl-ebda mod;
>
> »tilqa' t-tieni talba attriċi u tillikwida l-ħsara li ġarrbu l-atturi minħabba fl-imsemmi inċident fis-somma ta' mija u ħamsa u erbgħin elf sitt mija u ħmistax-il euro (€145,615);
>
> »tilqa' t-tielet talba attriċi u tikkundanna lill-imħarrkin flimkien u solidalment bejniethom biex iħallsu lill-atturi s-somma hekk likwidata ta' mija u ħamsa u erbgħin elf sitt mija u ħmistax-il euro (€145,615), flimkien mal-imgħaxijiet legali fuq dik is-somma b'seħħ mil-lum sal-jum tal-ħlas effettiv; u
>
> »tikkundanna lill-imħarrkin iħallsu wkoll l-ispejjeż tal-kawża.«

4. L-ewwel qorti fissret hekk il-fatti tal-każ u r-raġunijiet li wassluha għad-deċiżjoni tagħha:

> »Illi din hija azzjoni ta' danni wara inċident fuq il-post tax-xogħol li fih il-ħaddiem (aktar 'il quddiem imsejjaħ "Sammut") tilef ħajtu. L-atturi huma l-armla ta' Sammut u wliedu. Jgħidu li l-imħarrkin jaħtu għal dak li ġralu Sammut u huma, bħala dipendenti tiegħu, jippretendu l-ħlas ta' kumpens. Billi l-imħarrkin baqgħu ma resqux għal-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni xierqa, minkejja li mitluba jagħmlu dan b'ittra uffiċjali, kellha ssir din il-kawża;
>
> »Illi għal din l-azzjoni l-imħarrek *proprio* u *nomine* (aktar 'il quddiem imsejjaħ "Muscat") laqa' billi qal li l-kawża ma messhiex saret kontrieh, għaliex Sammut kien impjegat tal-kumpannija mħarrka (aktar 'il quddiem imsejħa "*Clamus*") u mhux impjegat tiegħu. Billi *Clamus* għandha personalità ġuridika distinta, hu ma jistax jinstab ħati ta' dak li ġara. F'kull każ, hu ma jaħti bl-ebda mod għall-inċident, għaliex la kellu tort, la kien traskurat u lanqas naqas milli jieħu l-prekawzjonijiet li kellhom jittieħdu biex l-inċident ma jseħħx. Jgħid li l-inċident seħħ għal

kollox indipendentement mir-rieda tiegħu. Huwa jikkontesta wkoll id-danni mitluba;

»Illi, min-naħa tagħha, *Clamus* tilqa' għall-azzjoni attriċi billi tgħid li ma kellha l-ebda ħtija f'dak li ġralu Sammut u għalhekk tikkontesta wkoll il-pretensjoni tad-danni mitluba mill-atturi;

»Illi mill-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża jirriżula li Sammut twieled fi Frar tal-1964. Iżżewweġ lill-attriċi Silvana Sammut fl-1986. Miż-żwieġ tagħhom twieldu żewġt itfal, bniet, l-atturi l-oħrajn Raisa u Tiziana. Sammut kien b'saħħtu u jagħmel xogħol ma' kumpannija li kienet tagħmel proġetti ta' tiżjin u titjib intern ta' bini;

»Illi huwa daħal jaħdem ma' *Clamus* fl-1 ta' Marzu 2005, wara li saret sejħa għall-mili ta' kariga ta' *store-keeper*, wara li kien ħalla l-impieg li kellu ma' kumpannija oħra bħala *deliveryman* fiż-żmien tal-prova. L-attriċi Silvana Sammut ukoll hija impjegata ma' *Clamus* u kienet hi li ħajret lil żewġha japplika għas-sejħa. L-inċident ġara sewwasew xahar wara li Sammut daħal jaħdem ma' *Clamus*. Dak inhar kellu wieħed u erbgħin (41) sena magħluqa;

»Illi l-inċident seħħ f'maħżen ta' *Clamus* li jinsab fi Triq Ġann Mikiel Testa, f'Tal-Ħandaq, limiti ta' Ħal Qormi. L-inċident seħħ billi nqasmet katina li kienet terfa' gaġġa (*lift*) li fih titgħabba l-merkanzija. Mall nqasmet il-katina, il-gaġġa ġiet fuq Sammut u qabditlu riġlu x-xellugi taħtha, filwaqt li Sammut spiċċa mdendel 'l isfel bejn il-fuqqani tal-istess gagġa u l-art. Dak il-ħin tal-inċident, Sammut kien waħdu fil-maħżen u fil-gaġġa nstabet kaxxa waħda li kienet tiżen mal-ħmistax-il (15) kilogramm. Malli Sammut indarab, beda jgħajjat għall-għajnuna u kienu xi nies li semgħu l-għajjat tiegħu li ippruvaw jgħinuh u bagħtu għall-għajnuna tal-ambulanza. Hu ġarrab ġrieħi gravi u, minkejja li ttieħed l-isptar, miet dak inhar fl-isptar waqt li kien qiegħed jiġi operat b'urġenza. Sammut miet intestat;

»Illi mill-inkjesta maġisterjali, ħareġ li l-gaġġa kienet imdendla b'parank (*hoist*) li jitħaddem b'mod mekkaniku b'gaġġa li fiha jitgħabba x-xogħol li jkun sejjer jintrefa' fl-ixkafef tal-istivar ("*goods lift*"). Din il-gaġġa kienet titħaddem permezz ta' *manual control panel* li kienet imdendla ma' *cable* ġol-bokka tal-istess gaġġa tul l-għoli kollu li l-gaġġa kienet titla' u tinżel fil-qafas tagħha u timxi ma' żewġ gwidi ("*channels*") fissi mwaħħlin mal-ġnub tal-bokka tax-xaft biex il-gaġġa ma tperpirx hi u titħaddem. Il-gaġġa kienet titla' u tinżel dment li l-*control panel* ikun magħfus: hekk kif min ikun iħaddem il-*panel* ma jibqax jagħfas il-buttuna, l-gaġġa tieqaf fejn tkun. Il-mutur tal-gaġġa, li kien magħmul minn ditta fl-Italja, kien imdendel ma' travu fil-parti ta' fuq tal-bokka tal-*hoist* u kien jiflaħ jerfa' sa elf kilogramm (1,000 kg). Il-*goods lift* kien jiżen mal-mitejn u għoxrin kilogramm (220 kg) u kien inħadem f'Malta. Il-post fejn seħħ l-inċident kellu tliet sulari – l-ewwel sular, it-terran u sular taħt l-art;

»Illi l-inċident seħħ meta, minħabba pressjoni li kienet qiegħda ġġarrab wara li l-gaġġa nqabdet mal-bokka tal-*lift shaft*, inqatgħet il-katina li kienet terfa' l-gaġġa u l-gaġġa waqgħet fuq Sammut u qabditu taħtha;

»Illi f'Jannar tal-2006, l-atturi talbu lill-kumpannija tersaq għal-likwid-azzjoni tad-danni li ġarrbu minħabba l-inċident, liema talba tennewha f'ittra uffiċjali mibgħuta lil Muscat u lil *Clamus* f'Mejju. Il-kawża nfetħet f'Awissu tal-2006;

»Illi l-konsiderazzjonijiet legali marbutin mal-każ li l-qorti għandha quddiemha jitolbu li jsir stħarriġ dwar min kien ħtija tal-inċident li fih miet Sammut. Dan jingħad fid-dawl taż-żewġ linji difensjonali ewlenin tal-imħarrkin, u jiġifieri (i) dik ta' Muscat li jgħid li hu m'għandux iwieġeb għall-azzjoni safejn din saret kontrih personalment, ladarba Sammut kien jaħdem ma' u impjegat ta' kumpannija b'personalità ġuridika għaliha, u (ii) dik ta' *Clamus* u Muscat (f'dan il-każ sussid-jarjament għall-ewwel linja difensjonali) flimkien li trid li huma ma jaħtu xejn għal dak li ġara minħabba li l-inċident ma ġarax bi ħtija tagħhom jew b'xi nuqqas min-naħa tagħhom. Hemm ukoll il-konsiderazzjonijiet tad-dinamika tal-inċident u x'wassal biex it-katina li kienet terfa' l-gaġġa nqatgħet;

»Illi l-qorti sejra għalhekk tibda billi tistħarreġ l-ewwel eċċezzjoni tal-imħarrek Muscat. Bl-imsemmija eċċezzjoni, Muscat jgħid li l-azzjoni tal-atturi ma messhiex tressqet kontra tiegħu personalment, għaliex Sammut kien impjegat ma' *Clamus* u mhux miegħu, u jekk hemm xi rabta legali, din kienet maħluqa bis-saħħa tal-kuntratt tal-impieg li Sammut kellu mal-kumpannija;

»Illi dwar din l-eċċezzjoni, Muscat ressaq sottomissjonijiet u argumenti dwar il-personalità ġuridika li kumpannija għandha f'għajnejn il-liġi. L-atturi ma ressqu l-ebda sottomissjoni dwar din l-eċċezzjoni, ħlief li l-għaref difensur tagħhom, waqt it-trattazzjoni ulterjuri bil-fomm quddiem il-qorti, seħaq li l-liġi kienet tqiegħed fuq Muscat responsabbiltajiet personali u diretti fejn jidħlu s-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema ta' *Clamus*, imqar jekk minħabba l-fatt li huwa direttur tagħha;

»Illi l-qorti hija tal-fehma li l-eċċezzjoni ta' Muscat m'hijiex mistħoqqa. Għalkemm huwa minnu li kumpannija tħaddan personalità ġuridika għaliha u differenti mill-azzjonisti li jikkostitwuha, u għalkemm huwa minnu li Sammut kien impjegat ta' *Clamus*, dan ma jissarrafx, waħdu, fin-nuqqas għal kollox ta' responsabbiltà min-naħa ta' Muscat. Fl-ewwel lok, il-bażi tal-azzjoni attriċi m'hijiex mibnija biss fuq ksur kuntrattwali, iżda fuq il-ħtija akwiljana li titnissel *ex delicto*. Fit-tieni lok, imkien ma jinsab stabilit li, f'azzjoni għal danni, ma jistax ikun li għadd ta' persuni jkunu jaħtu għall-ħsara li ġġarrab persuna, imqar jekk fi gradi differenti ta' ħtija, sakemm il-ħsara tkun marbuta mal-kawża ta' għemilhom. Fit-tielet lok, miċ-ċirkostanzi u l-provi li ħarġu waqt is-smigħ ta' dan il-każ, Muscat ħa sehem attiv fil-ġrajja kollha, u dan bili huwa nnifsu kien involut ħafna fid-deċiżjonijiet meħuda dwar il-kundizzjonijiet li taħthom kienu jaħdmu l-ħaddiema u b'mod partikolari Sammut, li kien hu li għażel it-tagħmir li bih indarab Sammut, li huwa nnifsu xehed li għal dak li jirrigwarda s-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema ta' *Clamus* kien hu li kien ifisser u jgħallem lill-istess ħaddiema, magħdud Sammut, u kien hu li, wara li seħħ l-inċident, raġa' involva ruħu fil-ġrajjiet, tant li ħassar safra li kien għoddu ser jibda sewwasew ftit ħin wara li kien mgħarraf b'dak li ġara fil-maħżen. Il-qorti tirrileva wkoll (għalkemm dan m'hijiex tagħmlu bħala raġuni oħra li sseddaq il-fehma tagħha dwar is-siwi tal-eċċezzjoni) li l-maġistrat inkwirenti kienet waslet għall-fehma li Muscat kellu jwieġeb personalment għall-qtil involontarju ta' Sammut;

»Illi l-fatt li Muscat jista' jgħid li dan kollu għamlu fil-vesti tiegħu ta' direttur ta' *Clamus* u mhux f'dawk personali ma huwiex biżżejjed, fil-fehma meqjusa tal-qorti, biex teħilsu milli jibqa' fil-kawża u milli jwieġeb għax-xiljiet tal-atturi, jekk kemm-il darba l-qafas tal-ġrajja

kollha seħħ b'kawża ta' deċizjonijiet meħudin minnu jew ta' nuqqasijiet li naqas jew li messu ħa.

»Illi għalhekk il-qorti m'hijiex sejra tilqa' l-imsemmija eċċezzjoni preliminari;

»Illi l-qorti sejra tgħaddi issa biex tqis il-kwestjoni tar-responsabbiltà għal dak li wassal għall-inċident u għall-mewt tal-attur fid-dawl kemm tal-pretensjonijiet tal-atturi u wkoll tal-imsemmija difiżi mressqa mill-imħarrkin;

»Illi, mill-fatti u provi dokumentati, ma jidhirx li hemm dubju li Sammut miet waqt li kien qiegħed jaħdem u li l-mewt tiegħu kienet kawżata direttament mill-ġrieħi li ġarrab waqt l-inċident imsemmi. Din il-fehma taqbel mas-sejbien tal-esperti fl-awtopsja magħmula fuq Sammut. Ħadd mill-partijiet ma jmieri dan jew isemmi xi kawżi oħrajn;

»Illi għalhekk, il-kwestjoni tar-responsabbiltà trid titfittex f'dak li wassal biex ġara l-inċident u min kien jaħti għalih. Xieraq għalhekk li wieħed iqis id-dinamika tal-inċident. F'dan il-każ, minħabba li Sammut miet u dak il-ħin li ndarab kien waħdu, ma hemm l-ebda xhud dirett li l-qorti tista' toqgħod fuqu biex tara tassew x'sar qabel ma l-gaġġa għaffġet lil Sammut. Jidher li meta waslet l-ewwel għajnuna għal Sammut minn min kien semgħu jokrob, Sammut ma kienx aktar f'qagħda li jitkellem u jgħid x'ġara u ma ġarax, u ftit tas-sigħat wara kien diġà miet. *Clamus* tqanqal l-argument tas-sehem ta' Sammut f'dak li ġralu, jekk mhux saħansitra l-ħtija kollha kienet tiegħu. Dwar dan, il-qorti sejra tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha aktar 'il quddiem fis-sentenza;

»Illi għalhekk, il-verżjoni tad-dinamika tal-inċident trid tinstilet mir-riżultanzi li ħarġu minn min kien tqabbad mill-qorti fl-inkjesta maġisterjali. Fil-proċess, iddaħħlet kopja sħiħa u fidila tal-att tal-inkjesta;

»Illi minn dawn il-kostatazzjonijiet ħareġ li l-gaġġa waqgħet 'l isfel għaliex inqatgħet il-katina li kienet terfagħha u tbaxxiha minn mal-parank elettriku li kien iħaddimha u għaliex l-istess gaġġa ma kellhiex sistema ta' lqugħ ("*brakes*"). Il-ħolqa tal-katina li nqasmet rawha l-esperti u għamlu l-kostatazzjonijiet tagħhom dwarha. Ħareġ ukoll li Sammut kien b'xi mod, imqar f'parti minnu, qiegħed jixref ġol-qafas tal-*lift shaft* x'ħin waqgħet il-gaġġa. Mill-mod kif instab maqbud minn min mar jagħtih l-ewwel għajnuna, jidher li ġismu nqabad mill-gaġġa u hu ngħasar bejn il-gaġġa u l-art li kien wieqaf fuqha fil-livell terran. B'dan il-mod jitfisser għaliex Sammut instab b'riġlejħ 'il barra mill-qafas tal-gaġġa u l-bqija ta' ġismu minn qaddu 'l fuq fil-bokka mdendel 'l isfel lejn il-livell sotterran. Jirriżulta wkoll li, f'xi ħin, il-gaġġa weħlet mal-gwidi ("*channels*") tagħha, u Sammut ipprova jaqlagħha minn fejn weħlet u baqa' jagħfas il-*control panel* li jħaddem il-mutur tal-parank li jtella' u jniżżel il-gaġġa. L-għafis tal-*panel* żied it-tensjoni fuq il-katina u l-aktar ħolqa dgħajfa tagħha nqatgħet. Partijiet oħra tat-tagħmir tal-*hoist* ma wrew l-ebda ħsara. It-tagħbija li tqiegħdet f'kaxxa fuq il-*lift* ma kenitx qawwija żżejjed u ħafna anqas mill-ogħla piż li l-*lift* sata' jerfa';

»Illi jidher li, mal-kostatazzjonijiet li saru mill-esperti matura mill-Qorti tal-Maġistrati, l-ebda waħda mill-partijiet ma wriet nuqqas ta' qbil. Għall-kuntrarju, kemm Muscat u kemm *Clamus* jorbtu l-argument tagħhom mal-istess kostatazzjonijiet sewwasew biex itennu l-fehma tagħhom li l-ħtija ta' dak kollu li ġara kienet ta' Sammut u ta' ħadd aktar, u dak li ġara ma jiddependix minn xi nuqqas min-naħa tagħhom;

»Illi dwar il-kwestjoni tar-responsabbiltà, jingħad bħala punt tat-tluq dottrinali, huwa magħruf li fil-qasam ta' responsabbiltà dwar korriment li jseħħ fuq il-post tax-xogħol waqt il-qadi ta' dmirijiet tal-persuna li tkun, jgħoddu regoli speċjali dwar dak li jiġri meta ħaddiem jew terza persuna ġġarrab inċident bħal dak. Bit-tħaddim tar-regoli ġenerali tal-liġi dwar ir-responsabbiltà għal dak li wieħed irid iwieġeb għalih minħabba xi għamil jew nuqqas tiegħu, is-sejbien ta' ħtija għal inċident bħal dak jgħabbi lil min ikun qabbad lill-ħaddiem jew lit-terz li jkun, sakemm ma jintweriex li dak il-ħaddiem naqas li joqgħod għall-istruzzjonijiet jew għall-prekawzjonijiet li l-imgħallem tiegħu jkun widdbu bihom jew ipprovdielu, jew sakemm ma jintweriex li l-ħaddiem, bi traskuraġni jew b'rieda, ikun hu nnifsu ġab l-effetti tal-inċident b'idejh;

»Illi b'żieda ma' dan, hija regola oħra ewlenija f'dan il-qasam li l-imgħallem irid jiżgura li jipprovdi lill-ħaddiema tiegħu b'ambjent li jżomm 'il bogħod kull periklu u dan billi jiżgura li jitħaddem sistema xieraq ta' ħarsien minn kull periklu (dak li bosta jsejħulu "*a safe system of work*") fejn ikun sejjer isir ix-xogħol minnu mitlub. Fid-dritt, dan id-dmir iġorr miegħu grad għoli ta' responsabbiltà fuq l-imgħallem, u jaqa' fuqu l-piż li jipprova li inċident ikun seħħ minkejja li jkun ħares dak kollu li l-liġi tistenna minnu f'dan ir-rigward. Huwa wkoll dmir li jitfa' fuq min iħaddem il-piż li jieħu miżuri preskritti xierqa u jġib miegħu wkoll id-dmir tal-għoti ta' tagħrif meħtieġ, l-għoti ta' tagħlim u taħriġ u kif ukoll superviżjoni biex titħares is-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiem. Huwa stabilit li dan id-dmir ta' min iħaddem jitlob ukoll li s-sistema tax-xogħol li jkun irid iħares lill-ħaddiema wkoll fil-każ li r-rutina tal-istess xogħol tnissel sens ta' aljenazzjoni jew traskuraġni. Daqstant ieħor ifisser li jekk sistema jkun ilu jitħaddem għal tul ta' żmien bla ma qatt ikun inqala' xi inċident, dan ma jfissirx li dak is-sistema huwa wieħed sikur jew li jeħles lill-imgħallem mir-rabtiet imposti fuqu mil-liġi;

»Illi jrid jingħad ukoll li l-imsemmi grad għoli ta' responsabbiltà fuq min iħaddem ma jeħlisx lil min jaħdem mill-obbligu li jħares is-saħħa u s-sigurtà tiegħu nnifsu u ta' dawk kollha li jistgħu jintlaqtu mix-xogħol li jkun qiegħed iwettaq, u, b'mod partikolari, għandu jimxi id f'id ma' min ikun qiegħed iħaddmu safejn jidħlu l-obbligi li l-liġi tqiegħed fuq spallejn l-imgħallem u l-awtoritajiet kompetenti u għandu jżomm lura milli jqiegħed lilu nnifsu f'sitwazzjoni li tesponih għar-riskju bla bżonn u li joqgħod f'kull ħin attent għal dak li jkun qiegħed jagħmel. B'mod partikolari, ħaddiem għandu jkun konxju tal-perikli fuq il-lant tax-xogħol tiegħu u ma għandu qatt jagħmel manuvri ażżardati li jgħollu r-riskju tal-ħsara jew tal-korriment lilu nnifsu u 'l dawk ta' madwaru.

»Illi dan kollu juri li r-responsabbiltà tal-imgħallem m'hijiex waħda li tabilfors tintrabat miegħu awtomatikament għal kull inċident li jġarrab xi impjegat tiegħu waqt ħin ix-xogħol (dik li tissejjaħ "*strict liability*"). Għalkemm hija responsabbiltà li titlob prudenza, għaqal u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja, ma titlobx grad ogħla ta' responsabbiltà, u tista' saħansitra tixxejjen jekk kemm-il darba l-impjegat innifsu jkun traskurat jew saħansitra jmur kontra dak li jkun intalab li jagħmel jew li m'għandux jagħmel;

Illi biex isir stħarriġ xieraq tad-dinamika dwar kif ikun seħħ inċident, jeħtieġ li l-qorti tqis l-"ambjent kollu tal-post tax-xogħol", jiġifieri mhux biss tal-makkinarju jew l-impjant li fuqu jew bih ikun qiegħed jitwettaq ix-xogħol magħżul, imma saħansitra l-mod kif ikun qed jitwettaq ix-

xogħol u l-ambjent li fih il-ħaddiem involut ikun tqiegħed jaħdem mill-imgħallem tiegħu;

»Illi l-qorti tqis li, f'dan il-każ, hemm għadd ta' ċirkostanzi li wieħed irid iżomm quddiem għajnejh biex jiddetermina l-kwestjoni tar-respons-abbiltà għal dak li ġara. Fl-ewwel lok, Sammut kien ilu jaħdem ma' *Clamus* biss ftit aktar minn xahar u kien għadu fiż-żmien tal-prova. Ma ntweriex li x-xogħol li għamel qabel kien jixbah lil dak li kien intalab jagħmel ma' *Clamus* jew li kellu xi tagħrif tekniku partikolari. Huwa minnu li x-xogħol il-ġdid tiegħu kien ta' *store keeper* u li dan ix-xogħol ma tantx jitlob xi sengħa jew ħiliet partikolari. Fit-tieni lok, dak il-ħin li seħħ l-inċident (biex ma jingħadx dak inhar kollu) Sammut tħalla jaħdem waħdu. Ma hemmx dubju li hu kien ingħata x'jagħmel minn xi superjur tiegħu, u li Muscat innifsu jgħid li, għall-ħabta tas-13.30, kien għadda sal-maħżen u kellem lil Sammut u qallu x'riedu jagħmel. Fit-tielet lok, dak li jidher li ġara fl-inċident (jiġifieri li l-*lift* weħel mal-gwidi tiegħu) ma kienx xi ħaġa normali fit-twettiq tax-xogħol ta' Sammut, iżda dak li ġara kien jolqot ix-xogħol li ngħata jagħmel u kien iżommu milli jkomplih. Fir-raba' lok, ħareġ mill-provi li l-*control panel* li jħaddem il-mutur tal-*lift* kien jinżel minn ġol-bokka tal-istess lift b'mod li min ikun qed iħaddem il-*lift* kellu tabilfors jidħol fil-bokka tal-*lift* biex jibda jħaddmu u joqgħod 'il barra mil-*lift* hu u jitħaddem bla ma jaf eżatt fejn ikun wasal il-*lift*. Fil-ħames lok, minn dak li nstab fil-gaġġa x'ħin waslu n-nies jagħtu l-ewwel għajnuna lil Sammut, jidher li Sammut kien qed iwettaq ix-xogħol li jtella' jew iniżżel merkanzija bil-*lift* minn jew għar-raff fejn kienet tinżamm maħżuna merkanzija ta' *Clamus*. Dan kollu juri li Sammut kien qed jagħmel xogħol li kien mistenni (u li x'aktarx ukoll intalab) jagħmel. Ma jidhrix li x'ħin sar l-inċident Sammut kien riekeb ġol-*lift* għaliex kieku mal-waqgħa 'l isfel tal-*lift* kien jibqa' fil-gaġġa u mhux jispiċċa magħsur minnha bejn l-art fit-terran u l-bokka tagħha 'l isfel: għall-kuntrarju ta' dak li jallegaw l-imħarrkin (li hu kiser l-ordnijiet biex ma jirkibx fiha), intwera li Sammut tqiegħed fil-*lift* min-nies li ħarġuh minn taħt fejn kien inqabad u poġġewh hemm biex "ikun jista' jieħu nifs sew" sa ma jingħata l-għajnuna medika mit-*team* tal-emerġenza x'ħin tasal l-ambulanza;

»Illi, minbarra dan, saru xi kostatazzjonijiet min-naħa tal-espert tekniku mqabbad mill-qorti inkwirenti li ta' min isemmihom. Fl-ewwel lok, il-*lift* kien inħadem minn persuna mqabbda minn Muscat li stallatu fuq il-post. Il-makna li tħaddem il-*lift* saret fl-Italja imma nxtrat minn stabiliment fil-Mosta. Din ukoll twaħħlet fil-post imdendla ma' travu mill-istess bniedem li bena l-*lift* u stallah. Fit-tieni lok, il-*lift* ma kienx maħsub li jġorr fuqu n-nies jew biex itella' u jniżżel nies minn sular għal ieħor tal-maħżen: kien maħsub bħala *goods' lift*. Fit-tielet lok, la x'ħin twaħħal u lanqas fl-ebda żmien wara sa ma seħħ l-inċident, ma saret l-ebda ċertifikazzjoni minn persuna kompetenti dwar is-sigurtà tal-istess *lift* u lanqas ma ntbagħtu lill-awtorità kompetenti r-rapporti mitluba mil-liġi kull tant żmien dwar l-istess *lift*. Fir-raba' lok, il-bibien li jagħtu minn kull sular għall-qafas tal-*lift* (u li wkoll inħadmu f'Malta) ma kinux jissakkru b'mod li, hu u l-*lift* qiegħed jitħaddem, persuna ma tkunx tista' tiftaħhom. Fil-ħames lok, ma kien hemm l-ebda avviż imwaħħal qrib kull wieħed minn dawn il-bibien li jwissi li ħadd m'għandu jidħol minnhom, u, minħabba l-qies tal-gaġġa tal-istess *lift,* ma kien hemm xejn x'jindika li persuna ma messhiex tirkeb fih. Fis-sitt lok, it-tħaddim tal-*lift* kien isir permezz ta' pulsant ("*control panel*") li jinżel minn ġol-bokka tal-*lift* innifisha u mhux minn *control panel*

imwaħħal mal-ħajt f'kull indana. Skond l-imsemmi espert tal-qorti, dawn il-fatturi kienu jirrendu l-*lift* in kwestjoni nieqes mill-elementi ta' sigurtà preskritti;

»Illi l-imħarrkin ressqu xhud kwalifikat *ex parte* biex ixejjen it-tħassib tal-imsemmi espert, u b'mod partikolari biex juri li l-*istandards* imsemmija mill-istess espert fiż-żmien tal-inkjesta ma kenux dawk li kienu fis-seħħ meta kien stallat il-*lift*. Ressqu wkoll xi impjegati jew ex-impjegati biex isemmu kemm *Clamus* u Muscat kienu jagħmlu premura dwar il-ħarsein tas-sigurtà fost l-impjegati tagħhom u kemm, b'mod partikolari, kienu widdbu lil Sammut dwar it-tħaddim tal-*lift* u x'kellu jagħmel jekk tinqala' problema;

»Illi f'dan ir-rigward, il-qorti tagħraf li l-*istandards* li semma l-Inġinier Bellizzi (l-espert imqabbad mill-maġistrat inkwirenti) ma kenux fis-seħħ meta nbena u twaħħal f'postu l-*lift,* u tagħraf ukoll li l-*istandards* mitluba mill-liġi fil-każ ta' parank maħsub biex jerfa' merkanzija m'humiex l-istess bħal dawk li jgħoddu għal *lifts* li jġorru n-nies. Iżda ħareġ ukoll li l-*lift* in kwestjoni kien nieqes minn xi ħtiġijiet ewlenin li kienu preskritti taħt il-liġi l-"qadima" wkoll u, minbarra dan, lanqas tħarsu d-dispożizzjonijiet tal-liġi matul iż-żmien li l-*lift* kien jitħaddem, kemm f'dak li hu t-tħaddim tiegħu u kif ukoll f'dak li jirrigwarda eżamijiet minn żmien għal żmien u rapporti tekniċi mistennija. Għal dak li jirrigwarda d-dikjarazzjonijiet tal-impjegati, il-qorti tathom il-piż li jixirqilhom u qieset kollox;

»Illi n-nuqqasijiet statutorji marbuta mal-*lift* huma nuqqasijiet oġġettivi li jagħmlu t-tagħmir wieħed mhux sikur u dan il-fatt jolqot il-kwestjoni tar-responsabbiltà;

»Illi l-qorti jidhrilha li l-elementi kollha li għadha kemm semmiet huma biżżejjed biex jagħtuha stampa tajba tal-qagħda li kien hemm fil-madwar x'ħin Sammut ġralu dak li ġralu u min jista' jwieġeb għal dak li seħħ. Minbarra dan, kien jaqa' fuq l-imħarrkin li juru li, f'dak il-ħin partikolari, Sammut kienet qiegħda ssirlu sorveljanza xierqa. Il-ħtieġa ta' superviżjoni ma tistax tkun traskurata, u l-ebda taħriġ minn qabel ma huwa biżżejjed biex jeħles lil min jagħti x-xogħol mid-dmir li jipprovdi lill-ħaddiem mis-superviżjoni xierqa minn persuna ta' ħila u li f'kull waqt tkun qiegħda tara li l-ambjent tax-xogħol ma jkunx tali li jwassal għal xi inċident. Dan l-obbligu tas-sorveljanza huwa parti sħiħa minn dak li l-liġi tifhem bih bħala l-ambjent tax-xogħol imbiegħed mill-perikli. Din ir-regola tgħodd ukoll fejn ix-xogħol mogħti lill-ħaddiem ma jkunx ġdid għalih u fejn ikun hemm il-possibiltà li r-rutina twassal lill-istess ħaddiem biex jillaxka l-attenzjoni tiegħu;

»Illi fil-każ tal-lum dan kollu kien jgħodd aktar ladarba dak li wassal għall-inċident kien każ ta' emerġenza li nħalaq meta l-*lift* weħel mal-gwidi tiegħu. L-imħarrkin, fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom, iressqu l-argument li, ladarba Sammut ma kienx jifhem, ma messux ħa r-riskju u qagħad jittanta jsib tarf waħdu. Jgħidu li messu bagħat għal persuna teknika. Dan l-argument, filwaqt li wara l-fatt jidher wieħed għaqli u għaref, ma jiħux qies taċ-ċirkostanza li, f'kull każ, ma kien hemm ħadd aktar fuq il-post flimkien ma' Sammut, ma ssemmiex min seta' kien il-persuna li Sammut kellu jibgħat għalih (jekk kien hemm) biex isib tarf il-problema u lanqas ma jqis li, sakemm inqatgħet il-katina, kien hemm xi ħaġa x'turi li b'dak li kien qed jagħmel Sammut kien qiegħed jipprovoka l-waqgħa fuqu tal-*lift*. Minn dak li ħareġ mill-

provi, l-istruzzjonijiet li ngħataw lil Sammut kienu biex ma jirkibx fil-*lift* u li jħaddmu minn barra (kif fil-fatt kien qed jagħmel sa ma nqala' l-intopp);

»Illi minn dan ir-rigward u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet kollha ta' xejra fattwali u ġuridika li saru aktar qabel, il-qorti tasal għall-fehma li l-imħarrkin naqsu milli jżommu f'kull waqt sistema tajjeb ta' ħarsien tal-ħaddiema tagħha waqt xogħolhom, u dan partikolarment b'riferenza għal Sammut fil-każ tallum. Hawnhekk għalhekk hija taqbel ma' u tilqa' s-sottomissjonijiet imressqa mill-atturi u sejra tqis li l-ebda wieħed mill-imħarrkin ma jista' jfarfar mir-responsabbiltà tiegħu f'dak li ġara u għall-konsegwenzi tal-fatt;

»Illi huwa minnu li ma jistax jingħad li *Clamus* jew Muscat jaħtu għal xi fatt partikolari, iżda f'qagħda bħal din il-liġi tipprovdi wkoll fl-artikolu 1050 tal-Kodiċi Ċivili. F'każ bħal dan, ir-responsabbiltà tintrefa' minn kull min kellu sehem, ukoll fejn tali sehem ma kienx determinabbli. Żgur ma jistax jingħad, iżda, kif jissottometti Muscat, li f'dak il-każ il-persuna tinħeles mir-responsabbiltà għaliex il-biċċa tal-ħsara li setgħet ġiet kawżata minnu ma tkunx magħrufa jew determinabbli;

»Illi wara li l-qorti qieset dawn il-fatti u s-sottomissjonijiet kollha, hija tasal għall-fehma li l-imħarrkin jaħtu għall-inċident li fih tilef ħajtu Sammut u jridu jwieġbu solidalment lejn l-atturi għal dak li ġara;

»Illi issa wieħed irid iqis l-argument tal-imħarrkin li l-ħsara li ġarrab Sammut ġabha b'idejh jew ikkontribwixxa għaliha huwa wkoll. B'dan il-mod, l-imħarrkin iressqu l-linja ta' difiża li huma ma jwieġbu xejn għal dak li ġara. Fi kliem ieħor, l-imħarrkin iridu li, minkejja li issa l-qorti sabet li hemm nuqqasijiet min-naħa tagħhom, l-imġiba ta' Sammut f'kull każ ixxejjen dik ir-responsabbiltà jew, tal-anqas, taqsamha ma' tagħhom. Lil hinn mill-kwestjoni ta' jekk *Clamus* kenitx tat lil Sammut struzzjonijiet siewja u biżżejjed minn qabel ma seħħ l-inċident jew minn meta beda jaħdem magħha, jidher li *Clamus* tibni dan l-argument tagħha fuq il-kwestjoni li Sammut naqas li joqgħod għad-direttiva li bosta drabi ngħad li tah min kien fuqu (jiġifieri, Muscat u impjegati oħrajn ta' *Clamus*). Minħabba f'hekk, hija tgħid li għandha raġun tinvoka favur tagħha d-difiża li min jidħol għal xi ħaġa għax irid, ibati l-effetti ta' għamilu;

»Illi, kif ingħad aktar qabel, il-prinċipju tal-liġi jrid li kulħadd iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu. Iżda huwa wkoll miżmum u aċċettat li jrid jintwera li, minbarra s-sejbien tal-ħtija, jeħtieġ li jkun stabilit ukoll li kienet dik il-ħtija li ikkaġunat id-dannu attwalment imġarrab. Fuq kollox, il-liġi trid ukoll li fejn il-parti li tkun ġarrbet il-ħsara tkun hija stess li ikkontribwiet għad-danni b'nuqqas ta' prudenza, ta' diliġenza jew ta' ħsieb jew tkun tat sehem jew okkażjoni għal dik il-ħsara, il-qorti hija mogħtija d-diskrezzjoni li tqis f'liema grad tkun hekk ikkontribwiet jew tkun tat okkażjoni għall-ħsara li batiet. Dan iġib miegħu wkoll tnaqqis proporzjonali fil-kumpens li jkun mod ieħor dovut lill-persuna li tkun tat hija nnifisha r-raġuni għal dak li ġralha. Mill-mod kif inhi l-liġi llum fis-seħħ f'dan ir-rigward, m'hemm l-ebda regola fissa jew determinanti li tgħid kemm għandu jkun dak il-proporzjon jew frazzjoni oħra, u dan għaliex id-diskrezzjoni li hija mħollija f'idejn il-qorti għandha tinbena fuq iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ u l-provi riżultanti. Jista' għalhekk ikun li l-kontributorjetà għall-ħsara tkun tali li tkun għal kollox determinanti bħala kawża u effett u b'hekk tneħħi kull rabta ta' ħtija minn

fuq il-persuna li setgħet ikkawżat dik il-ħsara. Dan kollu ma jneħħi xejn mis-siwi tal-prinċipju tad-dritt proċedurali li *onus incumbit ei qui dixit*, u għalhekk l-allegazzjoni tal-kontributorjetà tal-persuna mġarrba trid tkun ippruvata kif imiss mill-persuna li tallegaha;

»Illi minħabba li kull inċident għandu l-karatteristiċi u ċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu wieħed ma jistax jgħid minn qabel fiex tkun tikkonsisti l-kontributorjetà min-naħa tal-persuna mġarrba. Madankollu, b'linja ta' prinċipji ġenerali, wieħed jista' jqis li jkun hemm kontributorjetà fejn l-impjegat jonqos li joqgħod għal struzzjonijiet speċifiċi li jingħata mis-superjuri tiegħu, l-aktar fejn jidħol l-aspett ta' periklu, jew meta l-impjegat jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa li l-ħila tiegħu u s-sengħa fix-xogħol li jkun tqabbad jagħmel imisshom inebbħuh biex jevita, jew meta l-istess impjegat jonqos li jinqeda b'sens komun iqiegħed lilu nnifsu fil-għajn tal-periklu jew ħsara għalih innifsu jew għal saħħtu. Bosta drabi, din l-imġiba trid tkun saret bir-rieda tal-persuna mġarrba u timxi id f'id mal-massima li *volenti non fit iniuria*;

»Illi huwa mgħallem u aċċettat b'awtorità li biex tirnexxi l-imsemmija difiża, l-parti li tqajjem dik l-eċċezzjoni trid turi li l-parti mġarrba (i) kienet aċċettat bi qbil li twettaq xi ħaġa li esponietha għal riskju, (ii) li dik l-aċċettazzjoni tkun waħda volontarja u (iii) li meta l-parti aċċettat, hija kienet tagħraf bis-sħiħ l-għamla u l-possibilità tar-riskju li dieħla għalih. Dawn l-elementi marbutin u mħaddma flimkien iservu biex jaqtgħu l-ġrajja dannuża mir-rabta tagħha mal-effetti li ġġib u dan billi l-għamil tal-parti mġarrba jaqta' r-rabta tal-kawżalità mill-għamil tal-parti l-oħra. L-aspett tal-volontarjetà f'dak li tkun għażlet li tagħmel il-parti mġarrba huwa element partikolari li jiddistingwi dik l-imġiba minn waħda li tkun l-effett ta' att ta' ubbidjenza għal ordni ta' ħaddieħor;

»Illi meta jitqiesu ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ tal-lum, il-qorti tasal għall-fehma li l-eċċezzjoni ta' l-imħarrkin ma treġix. Fl-ewwel lok, f'dan il-każ ma kien hemm l-ebda ftehim bejn Sammut u min kien fuqu. Fit-tieni lok, il-qorti ma tarax kif Sammut kiser divjet espress ta' Muscat jew *Clamus* meta ma ntweriex li huwa rikeb fil-*lift* jew ħaddimha minn ġol-bokka. Fit-tielet lok, ma ntwera bl-ebda prova li Sammut kien imħarreġ biex jaffronta sitwazzjoni ta' emerġenza meta l-*lift* jieqaf, sewwasew għaliex, skond Muscat, ħaġa bħal din ma kienet ġrat qatt qabel, wisq anqas matul il-ftit jiem li Sammut kien fl-impieg ma' *Clamus*. Fir-raba' lok, meta inċident ta' korriment fuq ix-xogħol jiġri mhux biss għaliex il-ħaddiem ikun obda ordni ta' xiħadd li huwa fuqu, imma għaliex it-tagħmir li jkun ingħata jkun "difettuż u monk f'dik li hija sigurtà" (bħalma ntwera li kien il-każ tal-*lift*), allura qajla jista' jibqa' jingħad li għal dak l-inċident il-ħaddiem ikun ikkontribwixxa;

»Illi għall-qorti, dan juri li, safejn jikkonċerna lil Sammut, minn dan ir-rigward żgur ma jistax jingħad li kien hemm kontributorjetà min-naħa tiegħu. Il-fatt li huwa ħaddem il-*control panel* u daħal fil-qafas tal-*lift* bil-ħsieb li jiżblokkah minn fejn kien imwaħħal ma huwiex prova ta' teħid traskurat ta' riskju, ta' ksuħat jew ta' ksur ta' ordni superjuri;

»Illi għal dawn ir-raġunijiet kollha l-qorti qiegħda tasal għall-fehma li Sammut ma kien jaħti bl-ebda mod għal dak li ġralu u li l-ebda ħaġa li għamel ma kienet maħsuba jew kellha l-effett li tħassar jew ixxejjen ir-responsabbiltà li kemm Muscat u *Clamus* iridu jerfgħu għal dak li ġralu. Għalhekk, il-qorti sejra tilqa' l-ewwel talba tal-atturi u tiċħad l-eċċezzjonijiet fil-mertu taż-żewġ imħarrkin;

»Illi l-qorti sejra issa tgħaddi biex tillikwida d-danni mġarrbin mill-atturi, u b'hekk tqis it-tieni talba attriċi fid-dawl tat-tieni u tat-tielet eċċezzjonijiet tal-imħarrkin, safejn għadhom rilevanti aktar;

»Illi jibda biex jingħad li l-liġi tipprovdi li l-ħsara li l-persuna misjuba responsabbli għal inċident trid twieġeb għaliha hija dik tat-telf effettiv li l-għamil tagħha jkun ġab direttament lill-parti mġarrba, l-ispejjeż li l-parti mġarrba kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew ta' qligħ ieħor attwali, u t-telf ta' qligħ li l-persuna mġarrba tbati 'l quddiem. Fejn il-parti mġarrba titlef ħajjitha fi jew minħabba dak l-għamil, il-liġi tagħti lill-werrieta dawk id-danni msemmija flimkien mat-telf u l-ispejjeż attwali ikkaġunati;

»Illi, kif ingħad, fl-inċident tal-każ li l-qorti għandha quddiemha, jirriżulta li Sammut kellu 41 sena meta miet. Dak iż-żmien, ingħad li l-atturi kienu kollha, b'xi mod jew ieħor, dipendenti tiegħu (martu u wliedu, għalkemm martu l-attriċi Sylvana Sammut kienet taħdem ukoll ma' *Clamus* u jidher li baqgħet fl-impieg magħha wkoll wara li ġara l-inċident ta' żewġha);

»Illi, kif ingħad sewwa mill-qrati tagħna, aċċident mhux xi entità astratta, iżda hu fatt li ġara kif inhu fix-xorta u l-kobor tiegħu; huwa ġrajja bl-inċident inerenti miegħu li minnu jitnisslu d-danni mġarrba mill-vittma u li għalihom irid iwieġeb min, bin-negliġenza tiegħu, ikun ikkawżahom;

»Illi, tajjeb jew ħażin, id-disposizzjonijiet tal-liġi li l-qorti trid tqis f'każ bħal dan huma l-artikoli 1031, 1032, 1045 u 1046 tal-Kodiċi Ċivili. Il-kwestjoni tal-kumpens dovut mill-imħarrkin u kemm hu l-ammont li l-atturi jistħoqqilhom jirċievu hija waħda li fiha xi aspetti li għandhom jiġu studjati;

»Illi, fl-ewwel lok, irid jingħad li, f'dan il-każ, l-atturi qegħdin jidhru fil-kwalità tagħhom ta' werrieta' ta' Sammut u l-kumpens li qegħdin jippretendu mingħand l-imħarrkin huwa dak dwar telf għall-ġejjieni (*lucrum cessans*) li, fi kliem il-liġi nnifisha, il-qorti tista' tagħti bħal fil-każ ta' inkapaċità totali għal dejjem, meqjusa skond id-disposizzjonijiet imsemmija fl-artikolu 1045;

»Illi, fit-tieni lok, il-vittma kien persuna li kellu impieg fiss, u li minn dak l-għixien kienu jiddependu wliedu, jekk mhux ukoll l-attriċi martu. Il-fatt li kien għadu fi żmien il-prova tal-impieg tiegħu ma' *Clamus* meta ġara l-inċident ma jnaqqas xejn mill-istabilità mistennija fl-impieg tiegħu u jkun għajb jekk jingħad li, ladarba kien għadu fi żmien il-prova, *Clamus* setgħet dejjem twaqqaflu l-impieg tiegħu x'ħin trid u għal liema raġuni trid;

»Illi, fit-tielet lok, jirriżulta bla ebda ħjiel ta' dubju li l-mewt ta' Sammut kienet il-konsegwenza diretta tal-inċident. Dan ukoll huwa wieħed mill-prinċipji ewlenin fil-qasam tal-likwidazzjoni ta' danni minħabba għamil traskurat jew negliġenti. Għal din il-qorti, ir-rabta bejn il-kawża tal-inċident u l-effetti li ħalla fuq il-vittma tirriżulta tajjeb biżżejjed;

»Illi, fir-raba' lok, kif ingħad fis-sentenza maġistrali tal-Qorti tal-Appell tat-22 ta' Diċembru 1967, fil-kawża fl-ismijiet <u>Butler *v.* Heard</u> "il-liġi tagħna tipprovdi għal kumpens għat-telf pekunjarju biss u f'dan hi inferjuri għal-liġijiet ta' pajjiżi oħra progressivi li jipprovdu anke għal kumpens – xi drabi l-uniku possibbli – għat-"telf personali" ... Ta' min jawgura illi din il-fergħa tal-liġi trid tiġi, kif jixraq, riformata." (*a fol.* 504);

»Illi l-parti l-kbira tal-kwestjoni tistrieħ ħafna fuq il-bażi ġuridika li dwarha jingħata l-kumpens meta l-attur ma jkunx il-persuna li kellha x'taqsam mal-inċident, imma tkun qarib ta' persuna li mietet f'dak l-inċident. Il-liġi tagħna fl-artikolu 1046 tgħid ċar li l-ħlas ta' kumpens huwa dovut lill-werrieta tal-persuna l-mejta u mhux lid-dipendenti, imma, fl-istess waqt, tqabbel l-ammont ta' kumpens ma' dak li jiġi likwidat fil-każ ta' inkapaċità totali għal dejjem skond ma jipprovdi l-artikolu 1045;

»Illi l-istess Qorti tal-Appell, imma żmien qabel is-sentenza ta' <u>Butler *v.* Heard</u>, kienet fissret li, f'każ ta' inċident li fih il-vitma tmut, il-kumpens ma jingħatax lid-dipendenti tiegħu imma lill-werrieta, u qalet ukoll li, fil-kalkolu tat-telf ta' qligħ għall-ġejjieni, m'hemm stabiliti l-ebda regoli fissi li fuqhom il-qorti tista' ssejjes il-konsiderazzjonijiet tagħha. Jeħtieġ jitħarsu ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ partikolari u, għalkemm il-qorti m'għandhiex tirrifjuta li tikkalkola l-kumpens minħabba l-element ta' imprevedibilità, għandha tqis b'moderazzjoni l-ammont ta' kumpens minħabba l-element għoli ta' konġettura li jdur mal-aspett ta' x'jista' jseħħ fil-ġejjieni;

»Illi fi żvilupp ta' dawn l-aħħar snin, din il-qorti, b'tifsira iżjed aġġornata ta' dak li jgħid l-artikolu 1046, qieset li meta f'każ ta' mewt l-atturi qraba tal-vittma jfittxu għall-kumpens tal-ħsara mġarrba bħala werrieta, ikunu qegħdin jagħmlu dan għaliex daħlu fil-libsa legali tal-vittma minħabba ċ-ċirkostanza ta' mewtu, u mhux fuq bażi ta' dipend-enza u għalhekk jistħoqqilhom jippretendu li jirċievu dak li kien ikun jistħoqq lill-qarib tagħhom, kif tgħid il-liġi nnifisha, kieku f'dak l-inċident ma mietx imma ġarrab ġrieħi li jkunu ħallewh għal kollox inkapaċi;

»Illi, b'danakollu, jidher li l-bażi vera tal-jedd tal-azzjoni mogħtija lill-werrieta tal-vittma l-mejta m'huwiex jedd mogħti *iure hæreditatis*, iżda jedd speċifiku mogħti mill-liġi lilhom *ex jure proprio*, u mhux minħabba trasmissjoni *ope successionis*;

»Illi, fil-fehma ta' din il-qorti, dan ir-raġunament isib kenn ukoll f'dak li kienet qalet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza <u>Petrie *et v.* Ciappara</u> tat-22 ta' Ġunju 1964, fuq imsemmija, meta fliet il-kawżali li l-liġi tagħna tqis għal-likwidazzjoni tal-kumpens taħt l-artikolu 1045 (li, kif ingħad, huwa espressament applikabbli fil-każ ta' mewt minħabba inċident skond l-artikolu 1046);

»Illi l-qorti tħoss li l-punti ewlenin imsemmija f'dik is-sentenza għand-hom jissemmew fil-qosor:

»(a) li l-artikolu 1045 jikkontempla erba' (4) għamliet ta' danni li għandhom jiġu risarċiti – jiġifieri: (i) telf attwali mġarrab mill-vittma; (ii) spejjeż minfuqin minnu; (iii) telf ta' paga jew qligħ attwali u (iv) telf ta' qligħ għall-ġejjieni;

»(b) illi l-vittma jista' jingħata kumpens għat-telf ta' qligħ fil-ġejjieni ukoll jekk ma jintalab jew ma jista' jingħata l-ebda kumpens għal telf ta' qligħ attwali, billi t-telf ta' qligħ attwali mhux kondizzjoni biex jista' jingħata kumpens għal telf ta' qligħ fil-ġejjieni;

»(ċ) illi billi l-kumpens huwa mogħti lill-qraba bħala werrieta u mhux bħala dipendenti, il-grad ta' dipendenza mhux kondizzjoni biex jingħata l-kumpens, għalkemm jista' jittieħed b'qies meta jiġi biex jin-ħadem l-ammont ta' kumpens dovut;

»(d) illi, b'effett ta' dan, mhux meħtieġ li jiġi ppruvat li l-vittma kien jaqla' l-flus u/jew li kien jagħti sehem jew jgħajjex bihom lil dawk li wirtuh. Anzi, lanqas id-dipendenza futura m'hija, fil-liġi tagħna, pre-kundizzjoni u fattur essenzjali għall-għoti ta' kumpens; u

»(e) illi jibqa' xorta l-fatt li l-qorti jkollha eżerċizzju ta' diskrezzjoni meta tqis l-elementi kollha li jsawru l-każ dwar x'seta jiġri fil-ġejjieni;

»Illi, b'żieda ma' dawn il-prinċipji, il-qorti ssemmi wkoll prinċipju li jidher aċċettat u jiġifieri li l-kumpens ikun dovut ukoll fejn l-imġarrab ikun żamm id-dħul tiegħu għalih jew saħansitra żiedu, imma, minħabba l-ħsara li ġarrab, ikun naqqas jew tilef għal parti l-kbira l-possibilità li jżid id-dħul tiegħu b'inizjattiva personali;

»Illi wkoll, kif ġie deċiż f'sentenza oħra, il-qorti hija marbuta li tagħti l-ogħla għadd ta' snin bħala *multiplier* jekk kemm-il darba jirriżulta li ma jkunx hemm raġuni għaliex wieħed għandu għax jiddubita li l-imġarrab ma kienx se jissokta jaħdem is-snin kollha ta' xogħol sakemm jirtira bil-pensjoni;

»Illi jekk wieħed japplika dawn il-prinċipji jkun ifisser li l-qisien tal-kumpens għandhom isiru skond il-kundizzjonijiet prevalenti meta seħħ l-inċident u li, minħabba li l-kumpens ikun ta' somma likwidata li l-ħlas tagħha jista' jintalab malli jiġi likwidat, irid isir tnaqqis *pro rata* biex tagħmel tajjeb għall-fatt li d-dħul ikun sejjer iseħħ qabel ma kien ikun il-każ kieku l-inċident ma ġarax;

»Illi, minbarra dan, dwar il-qies tal-*multiplier* il-qorti tħoss li jkun xieraq li tagħmel riferenza għal dak li hu mgħallem f'dan ir-rigward mill-awturi fejn jingħad li "*The most important factor to take into account when considering which multiplier to apply is, of course, the age and probable working life of the deceased and the expectation of life of the dependants ... There must also be a discount for the uncertainties of life ... Discount must also be made for the fact that the dependants will receive an accelerated benefit in the form of a lump sum rather than smaller benefits over a number of years. Because of these uncertainties the appropriate time for selecting the multiplier is at the time of death ...*";

»Illi, għalhekk, meta wieħed iqis l-età ta' Sammut meta seħħ l-inċident, flimkien mal-fatt li kien jidher li għadu b'saħħtu u li l-impieg tiegħu kien wieħed għal żmien indeterminat, jidher xieraq li jintuża *multiplier* ta' wieħed u għoxrin (21) sena;

»Illi, dwar il-paga tal-vittma, jirriżulta li Sammut kellu paga netta ta' qrib tliet mija u tmenin lira Maltin (Lm380) f'xahar qabel l-inċident. Jekk wieħed iqis l-għadd ta' snin li se' jittieħdu bħala *multiplier*, u l-prinċipji fuq imsemmija, il-qorti tqis li s-somma aġġustata xierqa jmissha tkun dik ta' elf mija u wieħed u erbgħin euro u erbgħin ċenteżmi (€1,141.40) fix-xahar bħala l-bażi għal-likwidazzjoni tal-ammont dovut lill-atturi fil-waqt li nfetħet is-suċċessjoni tal-vittma;

»Illi jidher li l-imħarrkin u l-atturi ma jaqblux dwar il-punt kontrovers dwar jekk imissux isir tnaqqis mill-ammont likwidabbli minħabba l-grad tad-dipendenza u kif ukoll minħabba l-konsum personali li l-persuna l-mejta kienet teħtieġ kieku ma mititx. F'dan il-każ, il-qorti jidhrilha li l-fehmiet li wriet f'xi sentenzi tagħha fl-imgħoddi (u li l-atturi jistrieħu fuqhom fis-sottomissjonijiet tagħhom) ma jidhirx li jsibu l-favur ta' qrati ogħla u mal-kriterji mħaddma f'dawn l-aħħar żminijiet mill-ogħla qrati

> tagħna. Jidher li, madankollu, issir differenza bejn jekk il-mejjet kienx għadu żgħir fl-età b'ħajja awtonoma miftuħa quddiemu, minn meta l-mejjet ikun aktar kbir fl-età u fejn il-werrieta tiegħu kienu għadhom tassew żgħar u dipendenti minnu għall-għixien u t-trobbija tagħhom. Fiż-żewġ każi, jittieħed qies tal-grad ta' dipendenza, iżda f'tat-tieni t-tnaqqis ikun anqas. Fil-każ tallum, Sammut jaqa' fit-tieni kategorija u saħansitra waħda mill-atturi (bintu) kienet għadha taħt l-età meta miet;
>
> »Illi għalhekk, il-qorti bi tħaddim tar-regoli hawn imsemmija sejra tnaqqas ħamsa u għoxrin in fil-mija (25%) mis-somma sħiħa likwidata bħala tnaqqis minħabba l-grad ta' dipendenza u ħamsa u għoxrin il-mija (25%) bħala kejl tal-konsum. Dwar il-fatt li bis-saħħa tal-likwidazzjoni l-atturi sejrin jingħataw somma f'daqqa, wara li jitqies li l-kawża tressqet sena wara l-inċident u se' tkun ilha miexja sitt snin (6), jixraq li jitnaqqas għaxra fil-mija (10%) mis-somma hekk likwidata. Naturalment, minħabba li d-danni qegħdin ikunu likwidati bis-saħħa ta' din is-sentenza, kull imgħax legali marbut magħha jibda għaddej millum;
>
> »Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, il-qorti tasal biex tillikwida d-danni li jmisshom jitħallsu lill-atturi bħala telf ta' qligħ għall-ġejjieni (*lucrum cessans*) minħabba l-mewt ta' qaribhom Charles Sammut fis-somma ta' mija u ħamsa u erbgħin elf sitt mija u ħmistax-il euro (€145,615);
>
> »Illi għalhekk, it-tieni u t-tielet talbiet attriċi sejrin jintlaqgħu ukoll u għall-istess raġunijiet il-qorti m'hijiex sejra tilqa' l-eċċezzjonijiet dwar-hom imressqa mill-imħarrkin għaliex m'humiex mistħoqqa;«

5. Il-konvenuti appellaw minn din is-sentenza b'rikors tas-16 t'Ottubru 2012 li għalih l-atturi wieġbu fis-16 ta' Novembru 2012.

6. Il-konvenuti sostanzjalment ressqu tliet aggravji: i. illi Claudio Muscat personalment kellu jiġi liberat mill-ħarsien tal-ġudizzju billi Charles Sammut kien impjegat mas-soċjetà *Clamus* u għalhekk, jekk is-soċjetà *Clamus* tinsab responsabbli, Claudio Muscat ma kellux jinstab responsabbli solidament magħha għall-inċident ladarba, kif qalet l-ewwel qorti, ma kien hemm ebda relazzjoni kuntrattwali mal-mejjet; ii. il-konvenuti ma kellhomx jinsabu responsabbli għal dak li ġara ġaladarba rriżulta li l-kawża prossima tal-inċident ma kienx xi għemil jew nuqqas minn Claudio Muscat u/jew *Clamus* iżda għemil tal-mejjet; u iii. bla ħsara għal dan kollu, id-danni likwidati huma wisq.

7. Nibdew bl-ewwel aggravju illi huwa essenzjalment aggravju preliminari. Permezz ta' dan l-aggravju l-konvenut Claudio Muscat igħid illi kellu jinħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju peress li Charles Sammut kien impjegat mas-soċjeta' *Clamus* u għalhekk ma kien hemm l-ebda relazzjoni kuntrattwali bejnu u l-konvenut Claudio Muscat personalment. Fisser dan l-argument hekk:

> »... … … ir-raġunijiet imressqa mill-ewwel qorti fis-sentenza tagħha ma jirradikawx in-ness meħtieġ biex l-esponenti Claudio Muscat ikun obbligat jirrispondi għat-talbiet tal-atturi appellati għar-raġunijiet li ser isegwu.
>
> »L-esponenti Claudio Muscat irnexxielu jipprova li huwa ma kellu ebda relazzjoni ġuridika mad-*decuius* fuq livell personali għaliex mhuwiex kontradett li d-*decuius* kien impjegat ta' *Clamus*.
>
> »Issa huwa naturali li bħala l-uniku direttur ta' *Clamus*, l-esponenti Claudio Muscat ikollu rwol attiv fit-teħid tad-deċiżjonijiet għan-nom u f'isem il-kumpannija li tagħha huwa direttur, liema deċiżjonijiet però jibqgħu konsiderati mittieħda mill-kumpanija u qatt mid-direttur fil-kapaċità tiegħu personali. Huwa naturali wkoll li bħala l-uniku direttur ta' *Clamus*, kien jinkombi fuq l-esponenti Claudio Muscat li jittrasmetti u jikkomunika lill-impjegati tal-*Clamus* dawk id-deċiżjonijiet hekk mittieħda mill-kumpannija għaliex il-kumpannija m'għandhiex vuċi u l-vuċi tagħha huma d-diretturi. Kwindi, għalkemm soċjetà għandha vesti ġuridika separata u distinta minn dik tal-membri tagħha, huma l-istess membri tagħha li jistgħu jaġixxu u jitkellmu f'isimha.
>
> »Dan kollu bl-ebda mod ma jxejjen jew jitqies li jista' jxejjen il-prinċipju legali li soċjetà kummerċjali regolarment kostitwita għandha personalità legali diversa mill-personalita individwali tal-membri li jikkomponuha u għalhekk kif qalet l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili diversament presjeduta <u>*Meatland Company Limited et v.* Saviour Micallef</u> (12/12/2001), "meta dawn is-soċjetajiet jimpjegaw xi persuni magħhom, ikunu huma stess, bħala *aventi* din il-personalità ġuridika diversa, li jkunu l-prinċipal, u mhux il-membri li jikkomponuhom". Dan jgħodd kemm għad-diretturi kif ukoll għall-azzjonisti ta' kumpannija u kwindi d-*decuius* li kien impjegat ma' *Clamus* ma kellu ebda relazzjoni ġuridika mal-esponenti Claudio Muscat.
>
> »Illi mbagħad l-ewwel qorti rriteniet illi l-bażi tal-azzjoni attriċi hija mibnija kemm fuq relazzjoni kuntrattwali u kif ukoll dik delittwali. Minn eżami però tal-premessi tar-rikors ġuramentat promotur dan ma jirriżultax. Huwa ċar li l-azzjoni attriċi hija msejsa fuq relazzjoni kuntrattwali meta l-atturi jsostnu f'paragrafu tnejn tal-istess rikors li "Carmel *sive* Charles Sammut kien impjegat mal-intimata *Clamus Holdings Limited* u fil-mument tal-inċident kien qed jaħdem fi *stores* użati mill-kumpannija intimata fi Triq John Mikiel Testa, tal-Ħandaq, Qormi" u f'paragrafu wieħed itennu li d-*decuius* miet "wara incident fuq il-post tax-xogħol".

»Illi l-atturi jsejsu l-pretensjoni tagħhom għal sejbien ta' ħtija fuq l-esponenti Claudio Muscat bħala direttur u personalment fuq ebda prinċipju legali ħlief għal konklużjoni tal-maġistrat inkwerenti dwar ir-responsabilità ta' Claudio Muscat personalment. Dwar dan però l-ewwel qorti esprimiet ruħha ċar fis-sentenza tagħha li kienet qed tiskartah meta rriteniet illi "dan m'hijiex tagħmlu bħala raġuni oħra li sseddaq il-fehma tagħha dwar is-siwi tal-eċċezzjoni" mhux biss, fl-umli fehma tal-esponenti, dan ġie skartat għaliex il-konklużjoni tal-maġistrat inkwerenti mhijiex konklussiva jew definittiva għaliex hija biss konklużjoni preliminari li trid tiġi stabilita wara li jitmexxew proċeduri kriminali iżda wkoll għaliex għandha ssir distinzjoni netta bejn responsabilità kriminali u dik ċivili u dana peress li, fejn *si tratta* ta' responsabilità kriminali, proċeduri kriminali ma jistgħux jitmexxew ħlief kontra persuna u mhux kontra soċjetà.

»Kwindi, ma hemm l-ebda premessa li fuqha hija bażata l-azzjoni attriċi li torbot lill-esponenti Claudio Muscat personalment. Dan huwa rifless b'mod ċar fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-atturi appellati li ressqu quddiem l-ewwel qorti kemm għal dak li jirrigwarda l-leġislazzjoni u dak li jirrigwarda l-każistika li ssir referenza għalihom fl-imsemmija nota, in kwantu dawn kollha jirregolaw u jirreferu għal "min iħaddem," *ergo* mhux lill-esponenti Claudio Muscat.

»... … … qorti ma tistax tissostiwixxi għall-azzjoni u għad-domanda avvanzata mill-atturi appellati azzjoni u domanda oħra li minnu ma ġietx proposta u li konsegwentement twassal sabiex il-qorti tiddeċiedi 'l hemm mill-azzjoni proposta. In kwantu dana jwassal lill-qorti sabiex tiddeċiedi *extra* jew *ultra petita*, mhux talli mhuwiex permissibli li jsir, tant li fil-fatt iwassal għan-nullità ta' sentenza *ai termini* tal-artikolu 790 tal-Kapitolu 12.

»Illi *inoltre*, l-istess qorti meta għamlet il-konsiderazzjonijiet legali tagħha dwar il-kwestjoni ta' responsabilità fuq il-post tax-xogħol, l-istess qorti rabtet l-istess kunsiderazzjonijiet ma' relazzjoni bejn impjegat u prinċipal u b'hekk ma ġġustifikatx kif dawn l-istess konsiderazzjonijiet jistgħu japplikaw għal persuna (*ossia* l-esponenti Claudio Muscat) li mhijiex il-prinċipal. Hawnhekk issir referenza għal dak li jingħad fis-sentenza partikolarment "is-sejbien ta' ħtija għal inċident bħal dak jgħabbi lil min ikun qabbad lil ħaddiem jew lit-terz li jkun, sakemm ma jintweriex li dak il-ħaddiem naqas li joqgħod għall-istruzzjonijiet jew għall-prekawzjonijiet li l-imgħallem tiegħu jkun widdbu bihom jew ipprovdielu, jew sakemm ma jintweriex li l-ħaddiem, bi traskuraġni jew b'rieda, ikun hu nnifsu ġab l-effetti tal-inċident b'idejh" u hekk tkompli tikkunsidra l-istess qorti "hija regola oħra ewlenija f'dan il-qasam li l-imgħallem irid jiżgura li jipprovdi lill-ħaddiema tiegħu b'ambjent li jżomm 'il bogħod mill-perikolu ..." u "huwa wkoll dmir li jitfa' fuq min iħaddem il-piż li jieħu miżuri preskritti xierqa ..." u aktar "huwa stabbilit li dan id-dmir ta' min iħaddem jitlob ukoll ...";

»Illi għalhekk fil-presenza ta' kuntratt ta' impjieg, ladarba l-kolpa li l-atturi appellati jittentaw jaddebitaw bl-azzjoni minnhom promossa hija bażata fuq il-kuntratt ta' impjieg, għandha rapport dirett mal-istess kuntratt pre-eżistenti u l-fatt huwa dipendenti mir-rapport kuntrattwali, *stante* wkoll li rriżulta inekwivokabilment li l-esponenti Claudio Muscat kien qed jikkonduċi n-negozju tal-kumpanija fil-kwalità tiegħu ta' direttur ta' *Clamus Holdings Limited*, l-eċċezzjoni tal-esponenti

> Claudio Muscat li għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju kellha tintlaqa'.«

8. Il-qorti tosserva qabel xejn illi konvenuti f'din il-kawża hemm tnejn – *Clamus* u Claudio Muscat – u mhux tlieta: *Clamus*, Claudio Muscat *proprio* u Claudio Muscat bħala direttur tas-soċjetà. Dan qiegħed jingħad biex jitneħħa kull ekwivoku li jista' joħloq l-*occhio* tal-kawża.

9. Ma huwiex kontestat illi Charles Sammut kien impjegat ma' *Clamus* u mhux ma' Claudio Muscat. Kien hemm relazzjoni kuntrattwali bejn Charles Sammut u *Clamus* u mhux bejn Charles Sammut u Claudio Muscat; għalhekk ir-responsabilità ta Claudio Muscat tista' tkun biss *ex delicto*.

10. Il-qorti iżda ma taqbilx mal-konvenuti illi "l-azzjoni attriċi hija msejsa fuq relazzjoni kuntrattwali"; billi fil-premessi għat-talbiet jingħad illi Charles Sammut kien impjegat ma' *Clamus* u li miet wara inċident fuq il-post tax-xogħol ma jfissirx b'hekk illi l-azzjoni hija waħda msesja biss fuq relazzjoni kuntrattwali. Li Charles Sammut kien impjegat ma' *Clamus* u li miet fuq il-post tax-xogħol huma fatti relevanti li kellhom bilfors jissemmew fil-premessi iżda b'hekk ma jillimitawx il-portata tal-azzjoni.

11. Il-kwistjoni mela ma hijiex jekk l-azzjoni hijiex imsejsa fuq respons-abilità *ex contractu* jew *ex delicto* iżda jekk kienx nuqqas ta' Claudio Muscat li juża "l-prudenza, id-diliġenza, u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja"[1] li wassal għall-inċident.

---

[1] Art. 1032(1), Kod. Ċiv.

12. L-eċċezzjoni għalhekk, safejn hija eċċezzjoni preliminari li trid il-ħelsien ta' Claudio Muscat mill-ħarsien tal-ġudizzju, għandha tiġi miċħuda, bla ħsara, f'dan l-istadju, għall-kwistjoni fil-meritu jekk kienx hemm tassew dak in-nuqqas li jwassal għar-responsabilità *ex delcito* ta' Claudio Muscat.

13. L-ewwel aggravju huwa għalhekk miċħud.

14. Ngħaddu issa biex inqisu l-aggravju dwar il-mertu. Fil-qosor, il-konvenuti jargumentaw illi l-kawża prossima u immedjata tal-inċident kien il-fatt li Charles Sammut baqa' jagħfas il-buttuna tal-*control panel* tal-*hoist* li wasslet biex inqatgħet il-katina minħabba l-forza li kienet qiegħda ssir fuqha meta baqgħet tinġibed mill-*hoist* għalkemm kienet weħlet. Huma jsostnu, għalhekk, illi kien in-nuqqas ta' diliġenza tal-vittma stess kif ukoll il-fatt li mar lil hinn mill-inkarigu tiegħu li wassal għall-inċident. Għaldaqstant, huma jargumentaw illi l-inċident seħħ bi ħtija tal-vittma waħdu u li huma ma għandhom ebda ħtija. Il-konvenuti komplew fissru dan l-argument hekk:

> »… … … l-ewwel qorti kellha qabel kull eżerċizzju ieħor, inkluż dak dwar ir-responsabilità, tiddetermina x'wassal għall-inċident għaliex huwa biss wara li tiġi stabbilita l-kawża prossima tal-inċident li wieħed jista' jikkonkludi dwar ir-responsabilità għall-akkadut. Dan għaliex sabiex ikun hemm ħtija, min qed jippromwovi l-kawża għandu jipprova sodisfaċentement in-ness bejn l-azzjoni u d-dannu subit u dana jrid jiġi identifikat element determinanti li jkun ipprovoka l-inċident u li jista' jitqies bħala l-kawża prossima tal-akkadut (A. Stanley *v.* A. Zahra PA JSP 23.3.93). Għalhekk l-element fondamentali fid-determinazzjoni ta' responsabilità għal inċident hija l-kawża prossima u immedjata li tkun wasslet għalih (Piju Vassallo *v.* Joseph Debono PA 25/01/2002) għaliex *in iure non remota causa sed proxima spectatur*.
>
> »Illi fil-każ in eżami l-kaġun ewlieni għall-akkadut kien il-fatt li l-katina tal-*hoist* li kien installat fl-i*stores* ta' *Clamus* ixxirjat. Dan jikkonkluduh l-Inġinier Bellizzi inkarigat mill-maġistrat inkwerenti fl-inkjesta kif ukoll l-espert *ex parte* inkarigat mill-esponenti l-Inġinier Spiteri. Di fatti l-

Inġinier Bellizzi kkonkluda illi l-fatt li katina xxirjat kien il-kawża tal-inċident u "l-inċident inqala' għax il-katina xxirjat".

»Illi mbagħad irriżulta l-katina xxirjat mhux għaliex ma kellhiex il-manutenzjoni ordinarja jew inkella għaliex ma saritilhiex ċertifikazzjoni jew għaliex l-gaġġa ma kellhiex sistema ta' lqugħ (ċirkostanzi msemmija fis-sentenza appellata) iżda biss għaliex u unikament kien hemm tensjoni eċċessiva fuqha. Din it-tensjoni ma rriżultatx mill-fatt li kien hemm tagħbija eċċessiva fil-*hoist* għaliex għajr għal żewġ kaxxi ma kienx hemm. Lanqas irriżultat minn xi possibilità li l-katina kienet iddgħajfet preċedentement għall-inċident u kwindi tali konstatazzjoni telimina li ċertifikazzjoni tal-*hoist* setgħet tevita l-inċident in kwistjoni milli jseħħ.

»Hija konsegwenzjali l-konklużjoni li l-kawża determinanti tal-inċident kienet il-fatt li Charles Sammut baqa jagħfas il-buttuna tal-kontroll tant li kkawża *abnormal force* fuq il-katina li konsegwentement tqaċċtet. Dwar din il-konklużjoni l-Inġinier Bellizzi inkarigat mill-maġistrat inkwerenti u li fuq il-konklużjonijiet tiegħu jistrieħu ampjament l-atturi appellati kien ċert għaliex eskluda li jista' jkun hemm raġuni oħra għaliex ixxirjat l-imsemmija katina ħlief għal tali *abnormal force* li eżerċita fuqha Charles Sammut meta baqa' jagħfas il-buttuna tal-kontroll għaliex, li kieku ma kinitx hekk magħfusa, l-*hoist* kienet tkun wieqfa u l-gwidi li kien hemm mal-ħitan kif ukoll il-katina ma jkollhom l-ebda tensjoni jew forza fuqhom.

»L-ewwel qorti fis-sentenza tagħha tagħmel referenza għal din ir-riżultanza meta tgħid li "f'xi ħin il-gaġġa weħlet mal-gwidi ("*channels*") tagħha u Sammut ipprova jaqlagħha minn fejn weħlet u baqa' jagħfas il-*control panel* li jħaddem il-mutur tal-parank li jtella' u jniżżel il-gaġġa u l-għafis tal-*panel* żied it-tensjoni fuq il-katina" iżda ma esprimietx ruħha, minkejja l-kostatazzjonijiet ta' diversi esperti u r-riżultanzi minn testijiet xjentifiċi, li din kienet il-kawża prossima tal-inċident. Minflok tgħid li dak li wassal għall-inċident kien każ ta' emerġenza li nħoloq meta l-*hoist* weħel. B'kull dovut rispett il-każ ta' emerġenza ġabu d-*decuius* b'idejh stess in kwantu l-*hoist* imwaħħal ma kienx perikoluż għaliex il-forzi jkunu newtrali meta jkun wieqaf u kwindi l-każ ta' emerġenza seħħ meta l-operatur baqa' jagħfas il-*control panel* sabiex jaqilgħu għal ħin pjuttost twil għaliex kif tenna l-Inġinier Spiteri dan ma seħħx meta għafsu għal madwar minuta iżda meta baqa' jagħfsu għal ħin twil.

»L-esponenti jissottomettu illi ladarba irriżulta li l-għafis żejjed tal-*control panel* tal-*hoist* da parti tad-*decuius* kien il-fattur determinanti tal-inċident in kwistjoni, xejn mill-allegati nuqqasijiet fir-rigward tal-*hoist* li ssir referenza għalihom fis-sentenza appellata ma jistgħu iwasslu għal uniku kawża determinanti għall-akkadut li kienet il-manuvra irregolari u perikoluża li għamel Charles Sammut meta baqa jagħfas il-buttuna tal-*hoist* minkejja li l-*hoist* kien weħel. Dan qiegħed jingħad f'ċirkostanzi fejn irriżulta b'mod konklussiv illi l-*hoist* in kwistjoni bil-makkinarju tiegħu b'kollox kien jaqdi l-funzjoni tiegħu u kien idoneu għall-irfigħ tal-oġġetti. Fil-fatt il-katina kienet tiflaħ għal piż ta' elf kilogramm sabiex tasal biex tinqasam u fiha ma kienx hemm aktar minn tletin kilogramm. Il-katina kienet wkoll tal-*hoist* proprja, tal-qies tiegħu u *cioè* adattata.

»Illi l-ewwel qorti però jidher li dawn il-fatti skartathom meta ġiet biex taddebita l-ħtija li kif ingħad kellha tiġi determinata mill-kaġun ewlieni tal-inċident. Minflok, l-ewwel qorti tagħmel referenza għall-kwistjonijiet li huma fl-umli fehma tal-esponenti sekondarji għall-kawża prossima. L-istess jiġri f'inċident stradali ad eżempju għaliex jekk sewwiq ma jkollux liċenzja jew assikurazzjoni, dawn l-infrazzjonijiet waħedhom da parti tas-sewwieq ma jġorrux magħhom il-konsegwenza li neċessarjament kien responsabbli għall-inċident għaliex trid issir il-prova ta' ness ta' kawżalità bejn il-fatt kolpuż u l-event dannuż.

»Is-sentenza appellata tagħmel referenza għall-fatt li l-*control panel* li jħaddem il-mutur tal-*lift* kien jinżel minn ġol-bokka tal-*hoist* b'mod li min ikun qed iħaddem il-*hoist* irid tabilfors jidħol fil-bokka tal-*hoist* biex iħaddmu. Apparti mill-fatt li din il-kunsiderazzjoni ma hijiex il-kawża prossima tal-inċident u lanqas seta' kellha inċidenza fuqu, dan il-fatt lanqas jirriżulta mill-provi mressqa. Anzi rriżulta l-kuntrarju u *cioè* li l-kontroll kien jasal 'il ġewwa fuq is-sular u kwindi seta' jiġi operat minn barra l-bokka tal-*hoist* u kwindi l-operatur tal-*hoist* ma jesponi ruħu għal ebda perikolu. *Di più*, dan huwa konfermat mill-espert *ex parte* l-Inġinier Spiteri meta sostna li illi kien imur kontra r-regoli tal-operat tal-*hoist* jekk l-operatur jaqla' l-kontroll minn postu u jpoġġih fil-kabina u joqgħod fih fil-kabina għaliex il-*hoist* stajt tħaddmu minn fuq il-*landing*.

»Is-sentenza appellata tagħmel referenza wkoll għall-fatt li ma saret l-ebda ċertifikazzjoni minn persuna kompetenti dwar is-sigurtà tal-istess *hoist* u lanqas intbagħtu lill-awtorità kompetenti r-rapport mitluba mil-liġi kull tant żmien dwar l-istess *hoist*. Din il-kunsiderazzjoni wkoll hija periferali għall-akkadut u l-kawża prossima tiegħu għaliex ladarba l-*hoist* waqa' meta xxirjat il-katina konsegwenti għal *abnormal force* eżerċitat fuqha mid-*decuius* li baqa' jagħfas il-control panel, ċertifikazzjoni *o meno* ma kinitx ser iżżomm l-inċident milli jseħħ. *Di più*, meta ssir ċertifikazzjoni l-katina ma tiffurmax parti mir-rutina taċ-ċertifikazzjoni.

»Għar-rigward tal-bibien li jagħtu minn kull sular, l-ewwel qorti qalet li dawn ma kinux jissakru b'mod li, waqt li l-*hoist* qiegħed jitħaddem, persuna ma tkunx tista' tiftaħhom. Din il-kunsiderazzjoni wkoll hija fl-umli fehma marġinali ladarba ġie konstatat illi l-kawża prossima tal-inċident kien fattur ieħor u bibien jissakru jew le ma kellhiex inċidenza fuq l-inċident in kwistjoni. *Di più*, irriżulta li dawn kienu jissakru għaliex *latch* kien hemm u effettivament għalhekk *gatelock* ukoll kienet teżisti.

»Is-sentenza appellata ssemmi wkoll li l-*hoist* ma kellux sistema ta' lqugħ ("*braking system*"). Apparti li din ukoll hija inċidentali għall-inċident, jirriżulta li m'hemm l-ebda rekwiżit li *hoist* ikollu *brake* tant li fil-liġi għal rigward *goods lift* ma hemmx speċifikat *x'safety features* għandu jkollu sistema ta' *hoist*; aktar importanti minn hekk huwa li l-*hoist* kellu *in-built braking system* għaliex il-*hoist* in kwistjoni kien tat-tip "*continuous pressure type*" li jfisser li l-operatur kellu jagħfas buttuna sabiex itellgħu jew iniżżlu, inkella l-*hoist* kien jibqa' fil-posizzjoni li jkun għaliex ma kienx *automatic* peress li trid iżżomm il-buttuna magħfusa sabiex il-*hoist* seta jimxi.

»L-ewwel qorti fis-sentenza tagħha tirreferi għall-fatt li mal-kostatazzjonijiet li għamlu l-esperti, maħtura mill-Qorti tal-Maġistrati, l-ebda waħda mill-partijiet ma wriet nuqqas ta' qbil. Mhux hekk però jirriżulta mill-atti għar-rigward tal-kostatazzjonijiet kollha li għamel l-espert

tekniku Inġinier Bellizzi. L-esponenti kienu kkontro-eżaminaw lill-istess xhud minn fejn irriżulta li xejn mill-allegati nuqqasijiet li elenka l-Inġinier Bellizzi fir-rapport tiegħu għab-bażi tal-istandards EN 81 li daħlu fis-seħħ fis-sena 2001 ma kienu rilevanti għal uniku kawża determinanti għall-akkadut li kienet il-manuvra irregolari u perikoluża li għamel Charles Sammut meta baqa jagħfas il-buttuna tal-*lift* minkejja li l-*hoist* kien allegatament weħel. L-istess jingħad għal kostatazzjoni dwar il-bibien tas-sulari għaliex l-i*standards* li jirreferi għalihom l-Inġinier Bellizzi bħala section *7,7,2,1* dwar *gatelocks* irriżulta li ma huwiex meħtieġ li dawn ikunu *electromagnetic* għaliex fil-fatt il-liġi tal-1964 ma tistabbililixxix *electromagnetic gatelocks* iżda tistipula biss "*efficient interlocking or other devices to secure that the gate cannot be opened*" u, dwar l-allegat nuqqas ta' tabelli, jingħad illi t-tabelli ma kellhomx x'jaqsmu mal-inċident *de quo* u lanqas jirriżultaw meħtieġa mil-liġi.

»Illi l-ewwel qorti *inoltre* qieset fatturi oħra determinanti li wassluha għall-konvinċiment ta' ħtija fil-konfront tal-esponenti. Fl-ewwel lok indikat li d-*decuius* kien ilu ftit ġimgħat biss ingaġġat minn *Clamus* u kien għadu fi żmien ta' prova u qieset *inoltre* li ma ntweriex li kellu tagħrif tekniku partikolari rigward it-tħaddim tal-*hoist*. B'kull dovut rispett lejn l-ewwel qorti, dan ukoll mhuwiex determinanti sabiex timputa ħtija fil-konfront tal-esponenti in kwantu, filwaqt illi huwa konċess li l-katina tal-*hoist* ixxirjat waqt it-tħaddim tiegħu, din ma kinitx sitwazzjoni użwali, li seħħet qabel jew inkella li setgħet raġjonevolment tiġi prevista, ladarba s-sitwazzjoni ta' emerġenza ħoloqha d-*decuius* stess meta baqa' jagħfas il-buttuna għal ħin pjuttost twil minflok fettex għall-għajnuna ta' persuna teknika. It-tagħrif dwar kif jitħaddem il-*hoist* kien ingħatalu; kien dak li d-*decuius* ipprova jwettaq u *cioè* sabiex jaqla' l-*hoist* minn mal-gwidi li ma kienx kompitu tiegħu, iżda għal raġuni tajba jew ħażina pprova jagħmlu.

»Illi dan qiegħed jingħad fil-kuntest tal-fatt illi min iħaddem (u kwindi mhux l-esponenti Claudio Muscat personalment) jista' jonqos mid-dmirijiet tiegħu jekk, kif jikteb Munkman fil-ktieb tiegħu *Employers' Liability At Common Law* (*7th Edition, Butterworths* pg 129) jekk: "*1. It may be that the employer has done nothing at all to carry out his obligation. 2. In the second place, the employer may have been informed of a defect or danger and doing nothing to remedy it. 3. Thirdly the employer knowing of a defect on his plant or premises or of a danger in the course of the work may have taken inadequate measures to eliminate and reduce the risk. 4. Fourthly though the employer does not know that anything is wrong it may be that he ought to know – that is, he could have found out by reasonable care*". Dwar x'jagħmel unsafe system of work dawn ġew elenkati b'dan il-mod fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet <u>Mario Caruana v. Marsovin Limited</u> (5 ta' April 2011):

»1. jekk min iħaddem ikollu xogħol li jinvolvi riskju ta' korriment li wieħed seta' raġonevolment jarah minn qabel;

»2. li kien hemm mezzi normali li dan ir-riskju jiġi eliminat;

»3. li l-korriment tal-vittma kien kawżat mir-riskju fuq imsemmi;

»4. illi n-nuqqas ta' min iħaddem li jelimina r-riskji juri n-nuqqas ta' kura raġonevoli għas-sigurtà tal-vittma.

»Illi mill-atti l-ebda waħda minn dawn l-aspetti ma ġiet privata f'kuntest fejn il-korriment seħħ minħabba azzjoni diretta li ħa l-impjegat li ma kinitx taqa' fl-inkarigu mogħti lilu; ix-xogħol mogħti lilu ma kienx jinvolvi riskju, iżda r-riskju rriżulta bl-istess azzjoni diretta tal-impjegat u l-korriment tal-vittma kienet kawża diretta tal-istess azzjoni tiegħu.

»Fir-rigward jingħad li impjegat għandu obbligu wkoll li jara li ma jissottomettix lilu innifsu għal periklu, l-obbligu li ma jiħux riskji żejda u li jinfurma lill-imgħallem tagħhom jekk makkinarju jieqaf jiffunzjona u mhux jittenta jaffronta sitwazzjoni ta' malfunzjonament waħdu jew meta iħoss li hemm xi periklu għaliex il-ħaddiem għandu l-obbligu li ma jidħolx għal periklu mingħajr bżonn. Għaliex id-*decuius* ma infurmax lis-superjuri tiegħu jew persuna teknika meta l-*hoist* waqaf jaħdem? U dana fl-umli fehma tal-esponenti kellu jwassal lill-ewwel qorti sabiex issib responsabbiltà kontributorja ta' l-istess *decuius*. Jekk il-*hoist* waqaf mal-gwidi tiegħu, u dan seta' importa ċertu periklu, ma jidhirx li d-*decuius* qagħad attent b'xi mod speċjali iżda anzi ħoloq sitwazzjoni ta' emerġenza bil-katina tixxirja. Dan huwa nieqes mis-sens komun li impjegat għandu jaħdem bih sabiex ma jesponix ruħu għal riskju żejjed.

»Kif joħroġ ċar mill-atti tal-kawża, id-*decuius* ma użax il-prudenza, id-diliġenza u l-ħsieb tal-missier tajjeb tal-familja dakinhar tal-inċident fatali u għaldaqstant jiġi sottomess illi kien l-għemil negliġenti tiegħu li wassal għall-mewt prematur tiegħu. Id-*decuius* naqas milli jagħmel dak minnu raġjonevolment mistenni li meta ra li l-*hoist* kien weħel ma jibqax jagħfas il-buttuna tal-*control* tant li kkrea b'hekk *abnormal force* li wassal għall-kawża determinanti li rriżultat fl-inċident. Illi dan kellu jagħmlu għaliex hekk tiddetta fiċ-ċirkostanzi d-diliġenza ta' *bonus pater familias*. Għalhekk kull min jonqos li josserva dan il-minimu ta' prudenza għandu jsofri l-konsegwenzi tan-nuqqasijiet tiegħu (Godfrey Buħagiar *v. Malta Shipbuilding Co. Ltd* deċiża fil-11 ta' Ottubru 2011 konfermata fl-appell).

»Illi tenut kont li l-kawża prossima u immedjata tal-inċident kien il-fatt li Charles Sammut baqa' jagħfas il-buttuna tal-*control* tal-*hoist* li wasslet biex ixxirjat il-katina … … …, kien in-nuqqas ta' diliġenza tiegħu, kif ukoll il-fatt li mar lil hinn mill-inkarigu tiegħu, li wassal għall-inċident. Jirriżulta provat illi bi ftit attenzjoni da parti ta' Sammut, l-inċident ma kienx jiġri. Il-fatt li baqa' jagħfas il-buttuna meta kien konsapevoli jew inkella raġjonevolment kellu jkun konsapevoli ta' dak li kien ser jiġri minn ħin għal ieħor jekk jikkrea tensjoni fuq il-katina aktar milli din kienet tiflaħ u volontarjament ħa r-riskju li jkompli jagħfas il-buttuna minflok ma jieqaf u jitlob għall-assistenza ta' persuna li tifhem iżda pprova jissara miegħu, neċessarjament jgħabbi lil Sammut, fl-umli fehma tal-esponenti, bir-responsabilità għall-akkadut.

»Fiċ-ċirkostanzi u ladarba, kif ġie ritenut wkoll mill-ġurisprudenza nostrana (Neg. Edgar Laferla *noe v.* Neg. Antonio Cachia *et*), id-danni likwidati għandhom ikun marbutin bin-*nexus* ta' kawża u effett mal-fatt vjolatur; u għandhom ikun konsegwenza diretta u immedjata ta' dak il-fatt, u bħala tali riżarċibili, l-esponenti ma kellhomx jiġu addebitati responsabilità.«

15. Jidher li l-partijiet f'din il-kawża qegħdin jaqblu dwar dak li ġara fl-1 ta' April 2005 fl-imħażen tas-soċjetà konvenuta f'Ħal Qormi. Mill-provi prodotti miż-żewġ partijiet jidher illi f'xi ħin weħlet il-gaġġa mal-gwidi tagħha, Charles Sammut ipprova jaqlagħha minn fejn weħlet u x'aktarx baqa' jagħfas il-*control panel* li jħaddem il-mutur tal-parank li jtella' u jniżżel il-gaġġa. Il-ġbid tal-*hoist* żied it-tensjoni fuq il-katina li konsegwentement tqaċċtet. Charles Sammut jidher li kellu parti ta' ġismu ġewwa x-*shaft* mnejn tinżel il-gaġġa u l-parti l-oħra barra, b'saqajh fuq is-sular, meta l-katina tqaċċtet, il-ġagga waqgħet 'l isfel u laqtitu. Hu miet ftit siegħat wara fl-isptar. Il-kawża tal-mewt kienet il-ġrieħi li ġarrab.

16. Inqisu l-ewwel ir-responsabilità tas-soċjetà konvenuta li magħha kien impjegat Charles Sammut meta miet fuq il-post tax-xogħol. Il-qorti tosserva illi fost l-aktar obbligi importanti li għandu min iħaddem hemm dak li jipprovdi post u sistema tax-xogħol li safejn raġonevolment possibbli jkun ħieles minn perikoli prevedibbli kif ukoll sorveljanza adegwata sabiex fl-ambjent tax-xogħol ma jitħallewx iseħħu ċirkostanzi li joħolqu perikolu għall-ħaddiema.

17. Dwar l-obbligu ta' sorveljanza, din il-qorti fis-sentenza mogħtija fit-30 t'Ottubru 2015 fl-ismijiet <u>Anthony Vidal *et v*. Neil Macklin *et noe*</u> qalet hekk:

> »Superviżjoni ma tfissirx biss li tagħti l-istruzzjonijiet lill-ħaddiema ta' kif għandu jsir ix-xogħol, jew li tassigura li x-xogħol ikun qed isir tajjeb, iżda tifisser wkoll li tassigura li ħadd mill-ħaddiema ma jitħalla jagħmel xi ġest inkonsult b'mod li jpoġġi f'riskju l-inkolumità tiegħu. Din il-qorti tirribadixxi li min iħaddem għandu jipprovdi sorveljanza adegwata biex l-ambjent tax-xogħol jinżamm dejjem u, kemm iċ-ċirkostanzi jipper-

> mettu, *safe*, b'mod li dak l-ambjent bl-ebda mod m'għandu jkun konduċenti, anke potenzjalment, għal inċidenti. Sorveljanza adegwata tinkludi dik li tipprovdi għal ċertu nuqqasijiet tal-ħaddiema li ta' sikwit ikollhom tendenza minħabba familjarità żejda max-xogħol li jittras-kuraw riskji inerenti fix-xogħol tagħhom [App. S. Joseph Cini *v.* George Wells, deċiż 15 Novembru 2004; App. S. Joseph Caruana *v.* Philip Chircop, deċiż 24 April 2015].«

18. Min iħaddem għandu jipprovdi sorveljanza xierqa għall-impjegati kollha tiegħu, anke għal dawk il-ħaddiema ta' esperjenza u midħla max-xogħol li ngħataw jagħmlu. Fil-fatt, fis-sentenza mogħtija fit-12 ta' Marzu 2012 fl-ismijiet David Gathergood *v. Anchor Bay Leisures Limited et*, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili osservat illi:

> »... … …kien jaqa' fuq [il-konvenuta] ukoll li turi li, f'dak il-ħin partikolari, l-attur kienet qiegħda ssirlu sorveljanza xierqa, u dan minkejja li huwa kien ħaddiem ta' esperjenza u midħla max-xogħol li ngħata jagħmel.
>
> »… … … Din ir-regola tgħodd ukoll fejn ix-xogħol mogħti lill-ħaddiem ma jkunx ġdid għalih u fejn ikun hemm il-possibiltà li r-rutina twassal lill-istess ħaddiem biex jillaxka l-attenzjoni tiegħu.«

19. Dan igħodd aktar u aktar fejn il-ħaddiem ikun għadu ġdid fuq il-post tax-xogħol, bħal ma kien Charles sammut, u għalhekk x'aktarx nieqes mill-esperjenza u mill-għarfien tal-perikoli.

20. Għandu jingħad ukoll illi l-ebda taħriġ minn qabel ma huwa biżżejjed biex jeħles lil min jagħti x-xogħol minn dan id-dmir tiegħu ta' sor-veljanza. Fil-fatt, fis-sentenza fuq imsemmija, il-qorti kienet kompliet hekk:

> »Il-ħtieġa ta' superviżjoni ma tistax tkun traskurata, u l-ebda taħriġ minn qabel ma huwa biżżejjed biex jeħles lil min jagħti x-xogħol mid-dmir li jipprovdi lill-ħaddiem mis-superviżjoni xierqa minn persuna ta' ħila u li f'kull waqt tkun qiegħda tara li l-ambjent tax-xogħol ma jkunx tali li jwassal għal xi inċident. Dan l-obbligu tas-sorveljanza huwa parti sħiħa minn dak li l-liġi tifhem bih bħala l-ambjent tax-xogħol imbiegħed mill-perikli.«

21. Meta mbagħad il-ħaddiem ikun għadu ma ngħatax it-taħriġ kollu meħtieġ li jiġi wkoll mill-esperjenza, l-obbligu ta' sorveljanza jassumi aktar importanza.

22. Wara li fliet il-provi kollha mressqa mill-partijiet, din il-qorti hija konvinta illi l-kawża diretta u prossima tal-inċident li seħħ fl-1 ta' April 2005, u li wassal għall-mewt ta' Charles Sammut, kienet in-nuqqas ta' tħaddim ta' sistema tajjeb u xieraq kemm ta' sorveljanza kif ukoll ta' kontroll sabiex saħħet l-istess Charles Sammut ma titqiegħedx f'perikolu waqt li kien qed jaħdem mas-soċjetà konvenuta appellanti.

23. Din il-qorti waslet għal din il-konklużjoni wara li qieset li ma kien hemm l-ebda persuna li kienet qiegħda tissorvelja x-xogħol ta' Charles Sammut fil-mument meta seħħ l-inċident u għaldaqstant ma kien hemm l-ebda persuna li setgħet tinduna b'dak li kien qed jiġri jew li tipprovdi għal ċertu nuqqasijiet da parti tiegħu. Konsegwentement, is-soċjetà appellanti ma setgħetx tkun taf illi Charles Sammut kien qiegħed jipprova jagħmel ħaġa – li jiżblokka l-*lift* – li ma kinitx kompitu tiegħu, u li biex jagħmel hekk kien qiegħed jesponi ruħu għal perikolu billi jixxabbat fix-*shaft* tal-*lift*. Ma kien hemm ħadd li jgħidlu li dak ma kienx xogħlu u li jiftaħlu għajnejh sabiex forsi kien ikun evitat il-inċident fatali li seħħ. Charles Sammut tħalla waħdu biex jaffronta kull ma seta' nqala' tant li lanqas *telephone* ma kien hemm għall-i*storekeepers* biex jekk jinqala' xi inċident dawn ikunu jistgħu jikkomunikaw mas-superjuri tagħhom biex jieħdu struzzjonijiet mingħandhom[2].

---

[2] Ara *fol*. 325 tal-proċess tal-ewwel qorti.

24. Minbarra dak li ngħad hawn fuq, is-soċjetà konvenuta ma wrietx x'għamla ta' taħriġ tat lil Charles Sammut dwar x'għandu jagħmel f'każ li tinqala' emerġenza (bħal ma' ġrat fiċ-ċirkostanzi tal-każ tallum) u lil min kellu jfittex flok jipprova jirmedja hu għal intoppi maħluqa b'ċirkostanzi mhux mistennija.

25. In-nuqqasijiet tas-soċjetà konvenuta jsiru aktar serji fil-każ tallum meta tqis illi Charles Sammut kien ilu biss ftit iktar minn xahar jaħdem mas-soċjetà konvenuta[3]. Żgur li ma jistax jingħad li kien trawwem biżżejjed biex seta' jaħdem b'superviżjoni li tkun biss sporadika. Barra minn hekk, jidher li din kienet l-ewwel esperjenza tiegħu fejn ħadem ta' *storekeeper*[4].

26. Is-soċjetà konvenuta targumenta illi peress illi Claudio Muscat:

- kien jispjega lil kull min jibda' jaħdem il-proċedura ta' kif għandu jintuża u jiġi kontrollat l-*lift*[5];
- kien kontinwament iwissihom biex joqogħdu attenti meta jużaw il-*lifts* u biex ma jweġġgħux[6];
- kien jordnalhom biex ma jitilgħux fil-*lifts*[7]; u
- kien imur iżur l-i*stores* kuljum biex jara li kollox miexi sewwa[8],

---

3 Charles Sammut kien beda jaħdem mas-soċjetà konvenuta fl-1 ta' Marzu 2005.

4 *Foll.* 40 sa 43 tal-proċess tal-ewwel qorti.

5 *Foll.* 304 *et seq.*

6 *Foll.* 208, 211, 305, 321, 324, 325, 336, 340 u 348.

7 *Foll.* 207, 210, 211, 305, 325, 340 u 364.

8 *Foll.* 208, 212 u 305.

allura konsegwentement is-soċjetà konvenuta għandha tinħeles mir-responsabbiltà għall-inċident li seħħ. Din il-qorti ma taqbilx ma' dan l-argument li tressaq mis-soċjetà konvenuta. Kif ġie provdut diversi drabi fil-ġurisprudenza, l-ebda twissija minn qabel ma hi biżżejjed biex teħles lil min jagħti x-xogħol mid-dmir li jipprovdi lill-ħaddiem bis-superviżjoni xierqa minn persuna ta' ħila, u li f'kull waqt tkun qiegħda tara li l-ambjent tax-xogħol ma jkunx tali li jwassal għal xi inċident.

27. Sewwa qalet il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza mogħtija fid-19 ta' Mejju 2005 fl-ismijiet Emanuel Spiteri *v.* Jesmond Micallef *et* meta qalet illi:

> »Mhux biżżejjed li lill-ħaddiem jingħata tagħrif fuq kif għandu jaħdem, iżda min iħaddem irid jimpjega *foreman* li miegħu jinsistu li jara li ma jsir ebda xogħol kontra l-istruzzjonijiet tiegħu.«

28. Din il-qorti hija tal-fehma illi s-soċjetà konvenuta naqset milli teżerċita l-prudenza u d-diliġenza mistennija mingħandha, u *cioè* dik ta' *bonus paterfamilias*, fl-eserċizzju tal-obbligi tagħha, anke minħabba l-fatt li l-*lift* in kwestjoni kien nieqes minn xi ħtiġijiet ewlenin ta' sigurtà li jitlob l-għaqal jew li kienet trid il-liġi, ukoll dik "qadima" li kienet fis-seħħ meta nbena l-*lift*[9]. Kif osservat l-ewwel qorti, dawn in-nuqqasijiet prinċipalment jikkonsistu filli:

- la x'ħin twaħħal il-*lift* u lanqas fl-ebda żmien wara sa ma seħħ l-inċident ma saret l-ebda ċertifikazzjoni minn persuna kompetenti dwar is-sigurtà tal-istess *lift* u lanqas ma ntbagħtu lill-awtorità

[9] *Foll.* 63, 64, 76 u 77.

kompetenti r-rapporti mitluba mill-liġi kull tant żmien dwar l-istess *lift*[10];

- il-bibien li jagħtu minn kull sular għall-qafas tal-*lift* ma kinux jissakkru b'mod li waqt li l-*lift* qiegħed jitħaddem persuna ma tkunx tista' tiftaħhom[11];

- ma kien hemm l-ebda avviż imwaħħal qrib kull wieħed minn dawn il-bibien li jwissi li ħadd m'għandu jidħol minnhom, u minkejja l-qies tal-gaġġa tal-istess *lift*, ma kien hemm xejn x'jindika li persuna ma għandhiex tirkeb fih[12];

- it-tħaddim tal-*lift* kien isir permezz ta' *control panel* li jinżel minn ġol-bokka tal-*lift* innifisha u mhux minn *control panel* imwaħħal mal-ħajt f'kull indana[13];

- il-*control panel* li jħaddem il-mutur tal-*lift* kien jinżel minn ġol-bokka tal-istess *lift* b'mod li min ikun qed iħaddem il-*lift* kellu tabilfors jidħol fil-bokka tal-lift biex jibda jħaddmu u joqgħod 'il barra mill-*lift* hu u jitħaddem bla ma jaf eżatt fejn ikun wasal il-*lift*[14];

- ma kien hemm ebda mekkaniżmu li jwaqqaf il-*hoist* milli jkompli jaħdem meta l-gaġġa teħel u hekk tinħoloq tensjoni qawwija fuq il-katina.

---

10 *Foll.* 62, 195, 196, 197, 202, 287, 288, 312, 355, 357, 363 u 377.

11 *Fol* 261.

12 *Foll.* 62, 181, 197, 319 u 357.

13 *Foll.* 180, 182, 197, 201, 229, 254 u 355.

14 *Foll.* 62, 180, 182, 229, 237, 254 u 357.

29. Huwa minnu illi, kif josservaw il-konvenuti, dawn il-prekawzjonijiet (ħlief forsi għall-aħħar waħda) kieku ttieħdu ma kinux sejrin iżommu milli jseħħ l-inċident, iżda juru atteġġjament ta' nuqqas ta' attenzjoni għal ħtiġijiet ta' sigurtà fuq il-post tax-xogħol li jikkontribwixxu, mhux le, għall-ħolqien ta' perikoli.

30. Għalkemm huwa minnu illi dak li għamel Charles Sammut – forsi bl-entużjażmu ta' min ikun għadu jibda impjieg, bix-xewqa li jneħħi l-ostakolu li kien qiegħed iżommu mill-jkompli bix-xogħol u bl-ansjetà li jfittex jagħmel dak li kien imqabbad li jagħmel – ħa riskju li l-għaqal kien iżommu milli jagħmlu meta xxabbat fil-bokka tal-*lift*, madankollu l-qorti hija tal-fehma illi l-ħtija għall-inċident kienet fin-nuqqas tal-konvenuta li tipprovdi post u ambjent tax-xogħol nieqes minn perikoli li setgħu ġew evitati.

31. Għaldaqstant is-soċjetà konvenuta trid terfa' r-responsabiltà tagħha għal dak li ġara.

32. Ngħaddu issa biex inqisu r-responsabilità ta' Claudio Muscat *proprio*.

33. Claudio Muscat kellu f'idejh it-tmexxija ta' *Clamus*, kien familjari mal-ambjent u l-pratiċi tax-xogħol, u għaldaqstant kien imiss lilu li jara li s-soċjetà twettaq l-obbligi tagħha. Ikun jonqos mill-għaqal ta' missier tajjeb ta' familja jekk ma jarax li s-soċjetà mmexxija minnu ma tonqosx fl-obbligi tagħha, aktar u aktar fejn nuqqas jista' joħloq perikolu għal ħaddieħor. Għaldaqstant, in-nuqqasijiet tas-soċjetà huma wkoll in-nuqqasijiet ta' Claudio Muscat, billi kien hu li kien imissu jaf b'dawk in-

nuqqasijiet u kellu s-setgħa u għalhekk l-obbligu li jara li dawk in-nuqqasijiet ma jibqgħux fis-seħħ.

34. Għal dawn ir-raġunijiet kif ukoll għal dawk mogħtija mill-ewwel qorti, din il-qorti ssib illi kemm *Clamus* kif ukoll Claudio Muscat jaħtu u għandhom iwieġbu għall-inċident.

35. L-aħħar aggravju li ressqu l-konvenuti jolqot il-likwidazzjoni tad-danni li għamlet l-ewwel qorti. Fissru l-argumenti tagħhom hekk:

> »Illi fl-ewwel lok, il-*multiplier* li ġie adoperat huwa għoli meta mqabbel mal-linja ġurisprudenzjali fir-rigward. L-esponenti tagħmel referenza għall-iskeda użata f'numru ta' sentenzi mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (<u>Mario Mifsud *v.* Roderick Azzopardi</u> deċiża 25 ta' Jannar 2012; <u>Spiteri *v.* Magro *et*</u> deċiża fl-24 ta' Jannar 2011; <u>Bonnici *v.* Gauci</u> deċiża fil-15 ta' Settembru 1999) u fir-rigward tissottometti li l-*multiplier* adoperat kellu jkun dak ta' 15-il sena u mhux dak ta' 21 sena.
>
> »Illi fit-tieni lok, għar-rigward tal-*lump sum payment*, l-esponenti jissottomettu illi kellu jsir tnaqqis mis-somma likwidata ta' għoxrin fil-mija (20%) biex jagħmel tajjeb għall-fatt li l-ammont ta' qligħ tad-*decuius* se jingħata lill-atturi appellati f'forma ta' somma sħiħa f'daqqa minflok xahar b'xahar, kif ġeneralment jingħata s-salarju ta' impjegat, u li dan għandu jiġi applikat ukoll fil-każ preżenti. Dan il-prinċipju għandu jkun applikat minkejja l-fatt li għaddew sitt snin mill-mewt tad-*decuius*, u dan għaliex l-esponenti mhumiex ħatja ta' xi dewmien fil-proċeduri tant li l-kawża infetħet fis-sena 2006 u l-provi ingħalqu flimkien mas-sottomissjonijiet finali fi żmien sentejn.
>
> »Illi fit-tielet lok, għar-rigward tal-introjtu, l-esponenti jirrilevaw illi l-ewwel qorti waslet għas-somma aġġustata ta' €1,141.40 liema somma però ma tirriflettix l-paga li kien jaqla' l-istess *decuius*. Apparti mill-fatt li l-ewwel qorti skartat il-kunsiderazzjoni li d-*decuius* kien fi żmien tal-prova, matul liem il-prinċipal jista' jittermina x-xogħol ta' impjegat mingħajr ma jagħti raġuni, dwar is-salarju li kien jaqla' Charles Sammut jingħad illi l-paga *gross* skond il-*payslips* esebiti kienet ta' €935.38 (Lm401.56) b'dan però li l-paga bażika kienet dik ta' €838.57 (Lm360) fix-xahar. L-esponenti jissottomettu illi s-salarju li kellu jiġi konsiderat mill-ewwel qorti kellu jkun *net pay* u dana skond is-segwenti ġurisprudenza (<u>Vincent Axisa *v.* Alfred Fenech *et*</u>, deċiża 16 t'April 1991; <u>Kevin Agius *v.* Colin Murphy</u> deċiża fil-23 ta' Marzu 1990; u <u>David Vella *v.* Michael Soler *noe*</u> deċiża fl-20 ta' Marzu 1990). Dwar l-aġġustament li għamlet il-qorti, l-esponenti jirrilevaw illi dan ma kellux jeċċedi l-10% in linea mal-ġurisprudenza nostrali li addotat persentaġġ ta' żieda ta' medja ta' 10% (Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha <u>Joseph Attard *et v.* Concetta Sammut</u> (55/2002) deċiża fis-6 ta' Lulju

> 2007 u fis-sentenza deċiża mill-Prim Awla fil-15 ta' Ottubru 2003 fl-ismijiet Emmanuel Zahra *v.* Patrick Vassallo).»

36. Charles Sammut kellu wieħed u erbgħin (41) sena meta seħħ l-inċident li wassal għall-mewt tiegħu. L-ewwel qorti qieset illi Sammut kien sejjer jaħdem sal-età ta' tnejn u sittin (62) sena u waslet għall-konklużjoni li għandu jintuża *multiplier* ta' wieħed u għoxrin (21) sena, u dan minħabba l-fatt illi Sammut "kien jidher li għadu b'saħħtu u li l-impieg tiegħu kien wieħed għal żmien indeterminat".

37. Din il-qorti taqbel mal-konvenuti illi kellu jintuża *multiplier* iżgħar u dan sabiex jagħmel tajjeb għall-kunċett ta' *chances and changes of life*. Normalment f'każijiet bħal dawn m'għandux isir sempliċi tnaqqis bejn l-età tal-irtirar u l-età tal-persuna fil-mument tal-inċident, iżda l-*multiplier* irid jagħmel tajjeb ukoll għall-fattur ta' inċertezza li huwa parti mill-ħajja – *the chances and changes of life* – għalkemm ikun xieraq illi jitqies ukoll il-fatt illi llum l-aspettativa tal-ħajja nfisha u wkoll tal-ħajja lavorativa twalu u l-kunċett tal-inċertezzi tal-ħajja ma għandux iservi biss biex jagħti vantaġġ mhux mistħoqq lid-debitur.

38. Dan il-kunċett ġie mfisser hekk:

> »A figure somewhat less than the number of years for which the loss is likely to continue, that is, in a personal injury action, until the plaintiff's injuries cease to affect earnings or the plaintiff dies or retires. This figure is then reduced partly because of the contingencies (*i.e.* that the plaintiff might not have lived or worked so long or might have lost earnings even if the accident had not occurred) and partly because the plaintiff is going to receive not an income but a capital sum which can be invested to produce an income. The multiplier is not the product of precise calculation, but of estimation in the light of the facts of the particular case and of other comparable cases.« (Peter Cane, *Atiyah's Accidents, Compensation and the Law*, 6th *Ed.*, 1999, pg.122).

39. Fil-ġurisprudenza tagħna l-fattur illi "*the plaintiff is going to receive not an income but a capital sum which can be invested to produce an income*" nqisuh mhux taħt il-*multiplier* iżda taħt il-kunċett ta' *lump sum payment*, li nqisuh aktar 'il quddiem[15].

40. F'dan il-każ ukoll ikun xieraq illi għandu jittieħed kont tal-inċertezzi tal-ħajja u l-qorti hija tal-fehma li *multiplier* ta' dsatax-il (19) sena jkun aktar xieraq.

41. Dwar il-ħlas ta' somma kapitali – *lump sum payment* – din il-qorti taqbel mal-ewwel qorti illi peress li l-kawża issa ilha miexja 'l fuq minn għaxar snin u l-ewwel qorti ordnat il-ħlas ta' mgħaxijiet biss minn dakinhar tas-sentenza, jixraq li t-tnaqqis ma jkunx ta' aktar minn għaxra fil-mija (10%) mis-somma likwidata. Dwar l-argument tal-konvenuti li huma ma jaħtux għad-dewmien il-qorti twieġeb illi dan it-tnaqqis ma huwiex maħsub biex jippenalizza lil min jaħti jew jippremja jew ma jaħtix għad-dewmien iżda biex ipatti għall-benefiċċju li l-kreditur jieħu bil-quddiem id-dħul tal-ġejjieni. Effettvament l-atturi ma huma sejrin jieħdu ebda benefiċċju għax ġà għaddew aktar min-nofs tas-snin tal-*multiplier* u bħala konsegwenza ta' dan id-dewmien l-atturi ma gawdewx mill-imgħaxijiet relattivi, iżda, billi l-imgħaxijiet sejrin jibdew igħaddu minn dakinhar tas-sentenza tal-ewwel qorti, din il-qorti taqbel illi huwa xieraq li jsir it-tnaqqis li riedet l-ewwel qorti.

42. Din il-qorti taqbel ukoll mal-konklużjoni li waslet għaliha l-ewwel qorti meta qalet illi l-*multiplicand* għandu jkun dak ta' elf, mija u wieħed u

15 Para 41, *infra.*

erbgħin euro u erbgħin ċenteżmu (€1,141,40) fix-xahar. Din il-qorti temmen illi dan l-ammont huwa wieħed ġust fiċ-ċirkostanzi meta tqis li Charles Sammut kien jaqla' paga netta ta' madwar tmien mija u ħamsa u tmenin euro (€885) fix-xahar qabel ma seħħ l-inċident u tqis ukoll il-potenzjali ta' żjieda fid-dħul tiegħu fis-snin tal-*multiplier* li kieku baqa' ħaj.

43. Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, l-qorti tasal biex tillikwida d-danni li jmisshom jitħallsu lill-atturi biex jagħmlu tajjeb għat-telf ta' qligħ għall-ġejjieni (*lucrum cessans*) minħabba l-mewt tal-awtur tagħhom Charles Sammut fis-somma ta' (€260,239.20). Meta tqis it-tnaqqis ukoll, minbarra t-tnaqqis minħabba l-ħlas ta' somma kapitali, it-tnaqqis minħabba l-konsum tal-mejjet li kieku baqa' ħaj u l-grad ta' dipendenza – li mill-konsiderazzjonijiet relativi magħmula mill-ewwel qorti ma sar ebda appell – is-somma finali tiġi mija u wieħed u tletin elf, seba' mija u sitta u erbgħin euro u għaxar ċenteżmi (€131,746.10)[16].

44. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tirriforma s-sentenza appellata: tikkonfermaha fejn sabet lill-konvenuti flimkien responsabbli għall-inċident; tħassarha fejn illikwidat id-danni fis-somma ta' mija u ħamsa u erbgħin elf sitt mija u ħmistax-il euro (€145,615) u, minflok, tillikwida d-danni fis-somma ta' mija u wieħed u tletin elf, seba' mija u sitta u erbgħin euro u għaxar ċenteżmi (€131,746.10), u tħassarha fejn ikkundannat lill-konvenuti jħallsu lill-atturi s-somma ta' mija u ħamsa u

---

16 (€1,141.40 × 12 × 19) = €260,239.20 × 0.75 × 0.75 × 0.90 = €131,746.10.

erbgħin elf, sitt mija u ħmistax-il euro (€145,615) u, minflok, tikkundanna lill-konvenuti flimkien iħallsu d-danni kif issa likwidati fis-somma ta' mija u wieħed u tletin elf, seba' mija u sitta u erbgħin euro u għaxar ċenteżmi (€131,746.10), b'dan illi l-imgħaxijiet jibdew igħaddu minn dakinhar tas-sentenza tal-ewwel qorti.

45. L-ispejjeż, kemm tal-ewwel grad u kemm tal-appell, jinqasmu hekk: sehem minn għaxra ($^{1}/_{10}$) jħallsuh l-atturi flimkien u disa' ishma minn għaxra ($^{9}/_{10}$) jħallsuhom il-konvenuti flimkien.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Registratur
mb